Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10158/21
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0167(NLE)**

ECOFIN 643
CADREFIN 338
UEM 178
FIN 519

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif rivedut u maqbul mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2021) 341.

# WERREJ

**A. KOMPONENT 1.1:** ID-DEKARBONIZZAZZJONI BL-UŻU TAL-IDROĠENU RINNOVABBLI B'MOD PARTIKOLARI ........ 2

**B. KOMPONENT 1.2:** MOBILITÀ LI MA TAGĦMILX ĦSARA LILL-KLIMA ........ 11

**C. KOMPONENT 1.3:** RINNOVAZZJONI U KOSTRUZZJONI LI MA JAGĦMLUX ĦSARA LILL-KLIMA ........ 19

**D. KOMPONENT 2.1:** ID-*DATA* BĦALA L-MATERJA PRIMA TAL-FUTUR ........ 24

**E. KOMPONENT 2.2:** DIĠITALIZZAZZJONI TAL-EKONOMIJA ........ 30

**F. KOMPONENT 3.1:** DIĠITALIZZAZZJONI TAL-EDUKAZZJONI ........ 39

**G. KOMPONENT 4.1:** IT-TISĦIĦ TAL-INKLUŻJONI SOĊJALI ........ 46

**H. KOMPONENT 5.1:** TISĦIĦ TA' SISTEMA TAL-KURA TAS-SAĦĦA REŻISTENTI GĦALL-PANDEMIJA ........ 53

**I. KOMPONENT 6.1:** AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA MODERNA ........ 59

**J. KOMPONENT 6.2:** TNAQQIS TAL-OSTAKLI GĦALL-INVESTIMENT ........ 65

**TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA**

**1. Deskrizzjoni ta' Riformi u Investimenti**

**A. KOMPONENT 1.1: ID-DEKARBONIZZAZZJONI BL-UŻU TAL-IDROĠENU RINNOVABBLI B'MOD PARTIKOLARI**

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima billi jimmira li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas, GHG) fl-ekonomija. L-objettivi tal-komponent huma li jappoġġa l-użu tal-idroġenu prodott b'enerġija minn sorsi rinnovabbli u li jikkontribwixxi bħala għan primarju għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG kif definit fin-NECP Ġermaniż, b'enfasi fuq l-industrija. Il-komponent ifittex ukoll li jagħti kontribut f'termini ta' innovazzjoni industrijali u politika dwar l-impjiegi.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u jikkostitwixxi element kostitwenti fit-tfassil ta' sistema tal-enerġija nadifa, effiċjenti u integrata (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

<u>**A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**</u>

***1.1.1 Investiment: Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs***

L-objettiv tal-Proġetti Importanti tal-idroġenu ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs)[1] ippjanati huwa li jaċċelleraw l-adozzjoni meħtieġa mis-suq tal-idroġenu u d-derivattivi tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi intensivi fl-emissjonijiet u l-iżvilupp ta' oqsma ġodda ta' applikazzjoni fil-Ġermanja u fl-Ewropa.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lil proġetti integrati tul il-katina tal-valur kollha permezz tal-idroġenu tal-IPCEI. Fir-rigward tal-produzzjoni, l-IPCEI għandu jiffoka fuq il-bini ta' kapaċità kbira tal-elettroliżi għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli f'postijiet fejn ikun hemm biżżejjed elettriku rinnovabbli disponibbli. F'dan il-qafas, il-kapaċità tal-elettroliżi sa 500 MW hija mistennija li tinbena għall-ħtiġijiet industrijali fil-Ġermanja. Fir-rigward tal-infrastruttura, huwa mistenni li tinbena infrastruttura tat-trasport u tal-ħżin tal-idroġenu Ġermaniża u Ewropea.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

[1] L-IPCEIs huma soġġetti għar-rekwiżit ta' notifika u għall-obbligu ta' sospensjoni fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla u l-ispeċifiċitajiet tal-proġetti proposti tista' teħtieġ aġġustamenti biex tiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli.

### *1.1.2 Investiment: Programm ta' finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija*

L-għan tal-miżura huwa li tgħin lill-industrija taqleb minn proċessi ta' produzzjoni intensivi ħafna fl-emissjonijiet għal proċessi b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra. B'mod aktar preċiż, hija tfittex li tgħin lin-negozji jindirizzaw l-isfidi tat-tranżizzjoni, li jinsabu b'mod partikolari fl-ispejjeż għoljin u r-riskju ekonomiku tal-iżvilupp ta' teknoloġiji newtrali għall-klima.

Għandu jingħata appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp, l-ittestjar f'impjanti sperimentali jew pilota u l-investimenti f'installazzjonijiet għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri fuq skala industrijali. L-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' għotja ta' investiment parzjali. Il-miżura hija mmirata lejn kumpaniji f'industriji intensivi fl-enerġija b'emissjonijiet GHG li jirriżultaw mill-proċess ta' produzzjoni kopert mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (b'mod partikolari l-azzar, is-siment, il-ġir, is-sustanzi kimiċi, il-metalli mhux ferrużi, il-ħġieġ u ċ-ċeramika). Huma biss il-proġetti li jirriżultaw f'emissjonijiet sostanzjalment taħt il-parametri referenzjarji tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li jistgħu japplikaw għal appoġġ taħt il-miżura[2].

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed tippjana li testendi l-miżura lil hinn mill-2026 b'finanzjament mill-baġit nazzjonali tagħha.

### *1.1.3 Investiment: Skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażata fuq il-prinċipju tal-Kuntratti tal-Karbonju għad-Differenza*

L-għan tal-miżura huwa, bħal fil-każ tal-miżura 1.1.2, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' produzzjoni ġodda u aktar nodfa għall-industriji li jużaw ħafna enerġija. L-objettiv speċifiku tal-miżura huwa li tipprovdi lin-negozji b'ċertezza finanzjarja meta jagħmlu investimenti sinifikanti f'teknoloġiji newtrali għall-klima u biex jitnaqqsu fuq bażi permanenti l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra relatati mal-proċess li huma diffiċli li jiġu evitati taħt l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali tat-teknoloġiji.

Għandhom jiġu ffirmati kuntratti ta' azzjoni klimatika bejn l-Istat u l-industriji li jużaw ħafna enerġija biex itaffu l-ispejjeż operattivi ogħla tat-teknoloġiji innovattivi. Dawn il-kuntratti għandhom jiggarantixxu prezz fiss tas-$CO_2$ fuq tul ta' żmien fiss għall-kumpaniji li jinvestu f'teknoloġiji għat-tnaqqis tas-$CO_2$. Il-programm huwa mistenni li jkun immirat primarjament lejn kumpaniji fl-industriji tal-azzar, tal-kimika u tal-materjali tal-bini fejn l-emissjonijiet tal-proċess huma partikolarment diffiċli biex jiġu evitati. Huma biss il-proġetti li jirriżultaw f'emissjonijiet sostanzjalment taħt il-parametri referenzjarji tal-ETS li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-miżura[3].

---

2 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Huma stabbiliti parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

3 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Huma stabbiliti parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-implimentazzjoni tal-investiment hija mistennija li tibda sal-31 ta' Diċembru 2021 u għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed tippjana li testendi l-miżura lil hinn mill-2026 b'finanzjament mill-baġit nazzjonali tagħha.

### *1.1.4 Investiment: Riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġett*

Bħal miżuri oħra minn dan il-komponent, l-għan ta' din il-miżura huwa li tikkontribwixxi għall-għan ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija f'konformità mal-miri tal-2050 iżda b'enfasi aktar qawwija fuq l-SMEs u l-industriji bażiċi.

Il-proġetti kollaborattivi għandhom jiġu appoġġati fit-tliet oqsma: (i) il-protezzjoni tal-klima fl-industrija, (ii) l-innovazzjoni tal-SMEs u (iii) ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. L-ewwel qasam għandu jiffoka fuq il-protezzjoni tal-klima fl-industrija tal-materjali bażiċi bil-għan li jiġu promossi r-riċerka industrijali u l-iżvilupp ta' proċessi ġodda li jipprevjenu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. It-tieni qasam ta' fokus għandu jikkonsisti f'miżuri ta' appoġġ għall-innovazzjoni tal-SMEs li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-effiċjenza enerġetika. Fl-aħħar nett, it-tielet qasam għandu jiffoka fuq miżuri ta' appoġġ għal proġetti ta' reżiljenza għall-klima minn muniċipalitajiet u negozji lokali assoċjati ma' sħab tar-riċerka (universitajiet u istituti ta' riċerka mhux universitarji).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

### *1.1.5 Investiment: Proġetti emblematiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu*

Din il-miżura tikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u għandha tiffoka speċifikament fuq l-indirizzar ta' kwistjonijiet ewlenin relatati mal-forniment tal-idroġenu ekoloġiku fis-sistema tal-enerġija futura.

Min-naħa tar-riċerka, l-ewwel inizjattiva ewlenija għandha tindirizza l-isfidi tal-produzzjoni serjali tal-elettrolizzaturi tal-ilma. It-tieni inizjattiva ewlenija għandha tiffoka fuq il-produzzjoni integrata u diretta lil hinn mill-kosta tal-idroġenu u d-derivattivi tiegħu fil-baħar bl-użu tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. It-tielet inizjattiva ewlenija għandha tesplora u tivvaluta l-potenzjal tat-teknoloġiji tat-trasport bl-idroġenu.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

## **A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/ Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 1 | 1.1.1 Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs | Ewlieni | Tlestija tal-proċedura ta' espressjoni ta' interess | Il-kumpaniji ppreżentaw abbozzi ta' proġetti | — | — | — | Q2 | 2021 | Il-proċedura ta' espressjoni ta' interess tlestiet. Ġew identifikati proġetti potenzjali u parteċipanti fil-proġetti fil-Ġermanja. |
| 2 | 1.1.1 Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs | Ewlieni | Ħruġ tal-ewwel deċiżjonijiet ta' għotja | Deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa | — | — | — | Q1 | 2022 | Id-deċiżjonijiet tal-għotjiet inħarġu lill-benefiċjarji/applikanti mill-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija (BMWi), il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali (BMVI), il-Ministeru tal-Ambjent (BMU), li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 3 | 1.1.1 Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs | Mira | Impenn ta' mill-inqas EUR 500 000 000 | — | EUR miljun | 0 | 500 | Q2 | 2024 | Mill-inqas EUR 500 000 000 ġew impenjati għal proġetti tal-idroġenu f'konformità mad-deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa. |
| 4 | 1.1.1 Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs | Ewlieni | Evalwazzjoni tal-programm ta' appoġġ | L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni (rapport *interim*) ippubblikat | — | — | — | Q4 | 2025 | L-evalwaturi pprovdew l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni, li għandu jinkludi valutazzjoni inizjali tal-effetti diretti u indiretti tal-għajnuna u valutazzjoni tal-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-miżura ta' appoġġ. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jivvaluta b'mod partikolari s-suċċess lejn l-iżvilupp ta' kapaċitajiet elettrolitiċi, l-integrazzjoni sistemika tagħhom fis-sistema tal-enerġija (l-evitar ta' konġestjoni fin-network), l-iżvilupp ta' infrastruttura xprunata mid- |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | domanda, l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni tal-idroġenu. L-evalwaturi għandhom jivvalutaw ukoll is-suċċess tal-adozzjoni mis-suq tat-teknoloġija tal-idroġenu u sa liema punt huwa rilevanti għas-sistema u l-ħtiġijiet tal-enerġija. L-evalwazzjoni għandha tingħata b'kuntratt lil evalwaturi esterni u indipendenti. |
| 5 | 1.1.1 Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs | Mira | Impenn ta' EUR 1 500 000 000 | — | EUR miljun | 0 | 1 500 | Q3 | 2026 | Mill-inqas EUR 1 500 000 000 ġew impenjati għal proġetti tal-idroġenu f'konformità mad-deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa. |
| 6 | 1.1.1 Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs | Mira | Ħolqien ta' mill-inqas 300 MW ta' kapaċità tal-elettroliżi | | Megawatt | 0 | 300 | Q3 | 2026 | Mill-inqas għandha tinħoloq kapaċità ta' elettroliżi ta' 300 MW. |
| 7 | 1.1.2 Programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija | Ewlieni | Dħul fis-seħħ tal-linja gwida dwar il-finanzjament (*Förderrichtlinie*) għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija | Dħul fis-seħħ tal-linja gwida dwar il-finanzjament | — | — | — | Q1 | 2021 | Il-linja gwida daħlet fis-seħħ, u b'hekk il-kumpaniji setgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet. |
| 8 | 1.1.2 Programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija | Mira | Ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' għotja | — | Għadd | 0 | 20 | Q4 | 2024 | Id-deċiżjonijiet ta' għotja nħarġu lill-benefiċjarji/applikanti, li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 9 | 1.1.2 Programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija | Mira | Żborż lill-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 426,823 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 449 288 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 426 823 000 ta' fondi impenjati għall-proġetti magħżula ġew żborżati lill-benefiċjarji. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 1.1.2 Programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija | Mira | Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-industrija | — | Miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ (evitar annwali) | 0 | 1 | Q3 | 2026 | Il-miżura wasslet biex jiġu evitati mill-inqas 1 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fi 12-il xahar konsekuttiv 2025/2026, kif muri mir-rapporti *interim*/finali mibgħuta mill-benefiċjarji lill-promotur tal-proġett. Ir-rapporti għandhom jindikaw kemm ġew evitati emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mill-proġetti implimentati, meta mqabbla mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li kienu jseħħu mingħajr l-intervent. It-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra miksub mill-miżura għandu jinġabar fil-qosor f'rapport separat. |
| 11 | 1.1.3 Skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti tal-Karbonju għad-Differenza | Ewlieni | Tlestija ta' proċedura ta' espressjoni ta' interess għal kuntratti dwar it-tibdil fil-klima | Il-kumpaniji jippreżentaw espressjonijiet ta' interess għall-kuntratti dwar it-tibdil fil-klima lill-Ministeru tal-Ambjent (BMU) | — | — | — | Q4 | 2021 | Il-proċedura ta' espressjoni ta' interess tlestiet, bil-kumpaniji li esprimew l-interess tagħhom li jirċievu appoġġ għall-proġetti tagħhom permezz ta' kuntratti u proġetti relatati mat-tibdil fil-klima li ntgħażlu. |
| 12 | 1.1.3 Skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti tal-Karbonju għad-Differenza | Ewlieni | Linja gwida ta' finanzjament (*Förderrichtlinie*) għal programm pilota dwar kuntratti dwar it-tibdil fil-klima bbażat fuq il-prinċipju tal-Kuntratti dwar il-Karbonju għad- | Dħul fis-seħħ tal-linja gwida dwar il-finanzjament | — | — | — | Q3 | 2022 | Il-linja gwida għal programm pilota dwar il-kuntratti dwar it-tibdil fil-klima bbażat fuq il-prinċipju tal-Kuntratti dwar il-Karbonju għad-Differenza daħlet fis-seħħ, u b'hekk il-kumpaniji setgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Differenza | | | | | | | |
| 13 | 1.1.3 Skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti tal-Karbonju għad-Differenza | Mira | Żborż lill-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 522,5 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 550 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 522 500 000 ta' fondi impenjati għall-proġetti magħżula ġew żborżati lill-benefiċjarji. |
| 14 | 1.1.4 Riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġett | Mira | Approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-appoġġ ta' proġetti ta' riċerka relatati mal-klima | — | Numru ta' applikazzjonijiet approvati | 0 | 45 | Q4 | 2021 | Il-proġetti ta' riċerka relatati mal-klima magħżula taħt is-sejħa għall-offerti ġew approvati għall-finanzjament. |
| 15 | 1.1.4 Riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġett | Mira | Żborż lill-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 57 | Q4 | 2025 | Mill-EUR 60 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 57 000 000 ta' fondi impenjati għall-proġetti magħżula ġew żborżati lill-benefiċjarji. |
| 16 | 1.1.4 Riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġett | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' riċerka appoġġati relatati mal-klima | — | Għadd | 0 | 45 | Q4 | 2025 | Il-proġetti tlestew, kif muri mill-preżentazzjonitar-rapport finali. |
| 17 | 1.1.5 Proġetti emblematiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali | Ewlieni | Pubblikazzjoni tal-kompetizzjoni "Idea Competition "Idrogen Republic Germany" (Förderaufruf zum Ideenwettbewerb | Pubblikazzjoni tal-kompetizzjoni fuq il-paġna ewlenija tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u | — | — | — | Q2 | 2020 | Il-kompetizzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, ġiet ippubblikata fuq il-paġna ewlenija tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka u nfetħet għall-applikazzjonijiet. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | għall-Idroġenu | | “Wasserstoffrepublik Deutschland”) | r-Riċerka | | | | | | |
| 18 | 1.1.5 Proġetti emblematiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu | Mira | Ħruġ ta’ deċiżjonijiet ta’ għotja | — | Għadd ta’ deċiżjonijiet ta’ għotja maħruġa | 0 | 150 | Q2 | 2022 | Id-deċiżjonijiet ta’ għotja nħarġu lill-benefiċjarji/applikanti, li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 19 | 1.1.5 Proġetti emblematiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | — | Numru | 0 | 150 | Q3 | 2026 | Il-proġetti tlestew, kif muri mid-disponibbiltà tar-rapport finali uffiċjali. Dawn ir-rapporti għandhom jiddeskrivu fid-dettall ir-riżultati miksuba u jqabbluhom mal-għanijiet stabbiliti. |
| 20 | 1.1.5 Proġetti emblematiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu | Mira | Żborż lill-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 560 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 700 000 000 allokati għall-proġetti emblematiċi, mill-inqas EUR 560 000 000 ġew żborżati lill-benefiċjarji. Kalkolu bbażat fuq il-pagamenti attwali li jkunu saru. |
| 21 | 1.1.5 Proġetti emblematiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall- | Mira | Impenn għal proġetti ewlenin ta’ riċerka u innovazzjoni | — | EUR miljun | 0 | 665 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 700 000 000 allokati għall-proġetti emblematiċi, ġew impenjati mill-inqas EUR 665 000 000. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Idroġenu | | | | | | | | | |

## B. KOMPONENT 1.2: MOBILITÀ LI MA TAGĦMILX ĦSARA LILL-KLIMA

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'enfasi fuq is-settur tat-trasport.

L-objettiv tal-komponent huwa li jikkontribwixxi għat-tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fis-settur tat-trasport. Għandha l-għan speċifiku li tistabbilixxi teknoloġiji alternattivi fis-settur tat-trasport b'mod sostenibbli, biex tagħmilhom aktar effiċjenti fl-enerġija, favur il-klima u l-ambjent, u b'hekk tippromwovi aktar it-tranżizzjoni tal-enerġija fit-trasport.

L-appoġġ għall-iżvilupp tas-suq tal-elettromobilità u l-investiment komplementari fit-teknoloġiji tal-mobilità sostenibbli huma maħsuba wkoll biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn industrija tal-karozzi u tal-provvista newtrali għall-klima u biex jgħinu lill-Ġermanja ssaħħaħ lill-Ġermanja ekonomikament fit-terminu medju u fit-tul.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex "l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq it-trasport sostenibbli, (...) ir-riċerka u l-innovazzjoni" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

*1.2.1 Investiment: Għotjiet għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar*

L-isfida ġenerali indirizzata mill-miżura hija l-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' mobilità nadifa għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. B'mod speċifiku, din il-miżura tindirizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat network kullimkien ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettroniċi. Din hija waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin għas-suċċess tal-elettromobilità billi n-nuqqas attwali ta' infrastruttura tal-iċċarġjar iżomm lura x-xiri ta' vetturi elettroniċi.

Il-miżura tikkonsisti f'għajnuna għall-punti tal-iċċarġjar tal-bini, inkluża l-konnessjoni meħtieġa mal-grilja tas-sit tal-iċċarġjar u l-installazzjoni tal-punt tal-iċċarġjar innifsu. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' finanzjament ta' proġetti għal skema ta' għotjiet li għandhatitħaddem mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali (BMVI). Għandu japplika kemm għall-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll għal dik mhux aċċessibbli għall-pubbliku.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

*1.2.2 Investiment: Finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobilità*

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija wkoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' mobilità nadifa għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. B'mod

partikolari, hija timmira lejn l-iżvilupp ulterjuri tas-suq tal-elettromobilità u, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' flotot ta' vetturi muniċipali u kummerċjali.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju mogħti għax-xiri ta' vetturi elettriċi fi flotot muniċipali u kummerċjali u l-infrastruttura tal-iċċarġjar meħtieġa għat-tħaddim ta' dawn il-vetturi. Barra minn hekk, għandhom jiġu appoġġati proġetti ta' riċerka u żvilupp orjentati lejn l-applikazzjoni, l-iżvilupp ta' proġetti ta' mobilità elettrika (muniċipali u kummerċjali) u kunċetti ta' elettromobilità. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' finanzjament ta' skema ta' għotjiet li għandha titħaddem mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali (BMVI).

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

*1.2.3 Investiment: Għotjiet għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati*

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija l-istess bħal dik għall-Miżura 1.2.2. Il-promozzjoni tal-elettromobilità hija parti essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ta' Pariġi fis-settur tat-trasport. Il-miżura tiffoka fuq l-isfida rappreżentata mis-sehem baxx ħafna ta' karozzi elettroniċi puri fil-flotta totali tal-vetturi (1,2 % fl-2020), speċjalment meta mqabbla mas-7-10 miljun vettura elettrika prevista fil-Programm dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2030.

L-iskema ta' għotjiet għandha tnaqqas il-prezzijiet tax-xiri ta' vetturi elettriċi, li normalment ikunu ogħla meta mqabbla ma' dawk b'magni b'kombustjoni interna, biex b'hekk jiġi stimulat is-suq. L-appoġġ għandu jiġi pprovdut esklussivament għall-promozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u ibridi plug-in li jarmu inqas minn 50g $CO_2$/km.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

*1.2.4 Riforma: Estensjoni tal-perjodu ta' reġistrazzjoni inizjali għall-għoti tal-eżenzjoni mit-taxxa ta' 10 snin għall-vetturi purament elettriċi*

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija l-istess bħal dik għall-Miżura 1.2.2. Il-promozzjoni tal-elettromobilità hija parti essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ta' Pariġi fis-settur tat-trasport.

Il-miżura tikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa ta' 10 snin li tibda mir-reġistrazzjoni ta' vettura elettrika. Għandha tkun limitata għal vetturi purament elettriċi. L-eżenzjoni għandha tapplika għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

*1.2.5 Investiment: Appoġġ għax-xiri ta' xarabanks bi propulsjoni alternattiva*

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija l-istess bħal dik għall-Miżura 1.2.2. L-għan tal-miżura huwa li tappoġġa ċ-ċirkolazzjoni fis-suq ta' xarabanks li jaħdmu bi fjuwils alternattivi fit-trasport tal-passiġġieri. Bħalissa, ix-xarabanks diżil għadhom kważi esklussivament użati fit-trasport bix-xarabank. Il-bidla lejn karozzi tal-linja b'emissjonijiet baxxi għandha tikkontribwixxi għal impatt aktar baxx fuq il-klima u għal inqas tniġġis tal-arja.

Il-miżura tikkonsisti f'għotjiet attribwiti fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti. Il-fondi għandhom jintużaw prinċipalment għal karozzi tal-linja elettriċi li jaħdmu bil-batterji,

għat-trolley buses tal-batteriji, għax-xarabanks b'ċelloli tal-fjuwil u għal xarabanks li jaħdmu bil-bijometan 100 %. L-infrastruttura operazzjonalment meħtieġa, kif ukoll l-istudji ta' fattibbiltà dwar direzzjonijiet alternattivi fit-trasport pubbliku, jistgħu jiġu appoġġati wkoll. Huwa mistenni li l-finanzjament tax-xarabanks li għandhom jiġu alimentati bil-bijometan se jibqa' limitat (is-sehem tax-xarabanks tal-gass fil-Ġermanja naqas b'mod stabbli f'dawn l-aħħar snin u bħalissa huwa madwar 2 % tal-karozzi tal-linja kollha li qed jintużaw).

L-implimentazzjoni tal-miżura hija mistennija li tibda fit-tielet kwart tal-2021 u għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2026.

### *1.2.6 Investiment: Għotjiet għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva*

L-isfida indirizzata minn din il-miżura hija wkoll id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, iżda tiffoka fuq il-ferroviji. Bħalissa qed jintużaw madwar 3 200 lokomottiv tad-diżil fit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija; 60 % jistgħu jiġu kklassifikati bħala vetturi qodma ħafna b'emissjonijiet għolja ta' $CO_2$. Din il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi dawn il-vetturi partikolarment qodma biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja (bħall-ossidi tan-nitroġenu u l-karbonju iswed).

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju fil-forma ta' għotjiet għall-akkwist ta' vetturi ferrovjarji innovattivi (f'termini ta' sistema tal-motopropulsjoni) jew il-konverżjoni għal magni alternattivi b'iffrankar sinifikanti ta' $CO_2$ fuq linji mhux elettrifikati meta mqabbla ma' vetturi diżil konvenzjonali. L-applikazzjonijiet għandhom jingħataw prijorità fuq il-bażi ta' benefiċċji ambjentali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

### *1.2.7 Investiment: Promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport*

Din il-miżura tfittex li tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport b'rabta mad-Dekarbonizzazzjoni tal-Komponent 1.1 bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari. L-għan huwa li tiġi appoġġata industrija tal-provvista kompetittiva għat-teknoloġija tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil. Dan jinkludi l-abilitazzjoni tal-produzzjoni ta' komponenti taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-ittestjar serjali tal-komponenti u l-vetturi tal-idroġenu fil-Ġermanja.

Ċentru ġdid għat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni tal-Idroġenu għandu jiffoka fuq il-katina tal-valur tat-teknoloġija tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil għall-applikazzjonijiet tal-mobilità. Għandha tipprovdi wkoll faċilità ta' żvilupp, ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni, li ma tkunx tista' titwettaq mingħajr appoġġ pubbliku minħabba l-istadju bikri tas-suq u l-ispejjeż għoljin involuti. Il-miżura għandha tipprovdi wkoll opportunitajiet ta' finanzjament addizzjonali għall-industrija tal-vetturi u tal-provvista permezz tal-linji gwida ta' finanzjament eżistenti fil-Programm Nazzjonali ta' Innovazzjoni għat-Teknoloġija taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

## **B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 22 | 1.2.1 Għotjiet għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament | Żewġ linji gwida dwar il-finanzjament ippubblikati fil-Gazzetta Federali | — | — | — | Q4 | 2021 | Iż-żewġ linji gwida dwar il-finanzjament huma ppubblikati fil-Gazzetta Federali, li jippermettu lill-organizzazzjonijiet/Unitajiet Domestiċi eliġibbli jippreżentaw l-applikazzjonijiet: (1) "infrastruttura tal-iċċarġjar għal bini residenzjali" u (2) "infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi". |
| 23 | 1.2.1 Għotjiet għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar | Mira | L-espansjoni tan-network pubbliku tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi | — | L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku | 0 | 50 000 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 50 000 punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ġew finanzjati bl-appoġġ mill-iskema ta' għotjiet imħaddma mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali (BMVI). |
| 24 | 1.2.1 Għotjiet għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar | Mira | L-espansjoni tal-punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali | — | Numru ta' punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali | 0 | 400 000 | Q4 | 2023 | Mill-inqas 400 000 punt tal-iċċarġjar f'bini residenzjali ġew finanzjati bl-appoġġ mill-iskema ta' għotjiet imħaddma mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali (BMVI). |
| 25 | 1.2.2 Finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobilità | Ewlieni | Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament | Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament ippubblikati fil-Gazzetta Federali | — | — | — | Q4 | 2020 | Il-linji gwida dwar il-finanzjament li jkopru l-iżvilupp tal-flotot muniċipali u kummerċjali tal-vetturi elettroniċi u l-infrastruttura tal-iċċarġjar, kif ukoll l-R u Ż relatat (kunċetti/disinji tal-mobilità elettronika) u l-kunċetti tal-mobilità elettronika ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | *(Bundesanzeiger)* | | | | | | *(Bundesanzeiger)*, li jippermettu lill-organizzazzjonijiet eliġibbli/unitajiet domestiċi jippreżentaw l-applikazzjonijiet. |
| 26 | 1.2.2 Finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobilità | Mira | Impenn ta' fondi | — | EUR miljun | 0 | 71,25 | Q4 | 2022 | Mill-EUR 75 000 000 allokati għall-miżura, ġew impenjati mill-inqas EUR 71 250 000. |
| 27 | 1.2.2 Finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobilità | Mira | L-espansjoni tal-flotot tal-mobilità elettronika muniċipali u kummerċjali | — | Numru ta' vetturi elettroniċi | 0 | 4 000 | Q2 | 2024 | Muniċipalitajiet, kumpaniji u organizzazzjonijiet eliġibbli oħra irċevew impenji ta' finanzjament għal mill-inqas 4 000 vettura elettronika b'appoġġ għall-iskema ta' għotjiet. |
| 28 | 1.2.2 Finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobilità | Mira | Tlestija ta' disinni preliminari tal-elettromobilità | — | L-għadd ta' disinni preliminari tal-elettromobilità kkompletati | 0 | 80 | Q2 | 2024 | Mill-inqas 80 disinn preliminari tal-elettromobilità tlestew għal muniċipalitajiet, kumpaniji jew organizzazzjonijiet eliġibbli oħra. |
| 29 | 1.2.3 Għotjiet għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati | Mira | Appoġġ għax-xiri ta' 240 000 vettura elettrika | — | Għadd ta' vetturi elettroniċi mixtrija | 0 | 240 000 | Q1 | 2021 | Il-benefiċjarji rċevew appoġġ ta' għotja għax-xiri ta' total ta' 240 000 vettura elettrika fuq il-bażi tal-linji gwida ta' finanzjament emendati li daħlu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2020. |
| 30 | 1.2.3 Għotjiet għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati | Mira | Appoġġ għax-xiri ta' 320 000 vettura elettrika oħra | — | Għadd ta' vetturi elettroniċi mixtrija | 240 000 | 560 000 | Q4 | 2022 | Il-benefiċjarji rċevew appoġġ ta' għotja għax-xiri ta' total (kumulattiv) ta' 560 000 vettura elettrika fuq il-bażi tal-linji gwida ta' finanzjament emendati li daħlu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2020. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | 1.2.4 Estensjoni tal-perijodu ta' reġistrazzjoni inizjali għall-għoti tal-eżenzjoni mit-taxxa ta' 10 snin għall-vetturi purament elettriċi | Ewlieni | Dħul fis-seħħ tas-Seba' Att ta' Emenda dwar it-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tas-Seba' Att ta' Emenda dwar it-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur | — | — | — | Q4 | 2020 | Daħlet fis-seħħ l-emenda għall-Att dwar it-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur biex jiġi estiż il-perjodu ta' reġistrazzjoni inizjali għall-vetturi elettroniċi biex tinkiseb l-eżenzjoni mit-taxxa ta' 10 snin. |
| 32 | 1.2.4 Estensjoni tal-perijodu ta' reġistrazzjoni inizjali għall-għoti tal-eżenzjoni mit-taxxa ta' 10 snin għall-vetturi purament elettriċi | Ewlieni | Evalwazzjoni tal-miżura | Il-miżura għandha tiġi evalwata ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha, fil-qafas previst fis-Seba' Att ta' Emenda dwar it-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur. | — | — | — | Q1 | 2026 | L-evalwazzjoni għandha teżamina jekk il-bażijiet tat-taxxa fuq il-vetturi humiex mistennija li jkomplu jipprovdu inċentivi għal mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u l-klima fil-futur. B'mod partikolari, id-data mill-amministrazzjoni doganali u l-Awtorità Federali tat-Trasport bil-Mutur għandha tintuża għal dan il-għan (ara BT-Drs.19/20978 p. 16). L-evalwazzjoni għandha tiġi ppubblikata. |
| 33 | 1.2.5 Appoġġ għax-xiri ta' xarabanks bi propulsjoni alternattiva | Stadju Importanti | Pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar il-finanzjament | Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali *(Bundesanzeiger)* | — | — | — | Q3 | 2021 | Il-linji gwida dwar il-finanzjament tal-iskema ta' appoġġ għax-xiri ta' xarabanks u kowċis għat-trasport tal-passiġġieri bi propulsjoni alternattiva ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali *(Bundesanzeiger)*. |
| 34 | 1.2.5 Appoġġ għax-xiri ta' xarabanks bi propulsjoni alternattiva | Mira | Approvazzjoni tal-applikazzjonijiet | — | EUR miljun | 0 | 1 031 | Q3 | 2025 | Mill-EUR 1 085 000 000 allokati għall-miżura, ġew approvati mill-inqas EUR 1 031 000 000 ta' proġetti ta' xiri ta' karozzi tal-linja, li jippermettu l-ordnijiet tax-xarabanks korrispondenti. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | 1.2.5 Appoġġ għax-xiri ta' xarabanks bi propulsjoni alternattiva | Mira | Ordnijiet ta' karozzi tal-linja bi propulsjoni alternattiva | — | Numru ta' karozzi tal-linja ordnati | 0 | 2 800 | Q3 | 2026 | Ġew ordnati mill-inqas 2 800 karozza tal-linja bi propulsjoni alternattiva b'appoġġ mill-iskema. |
| 36 | 1.2.6 Għotjiet għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva | Ewlieni | Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament | Dħul fis-seħħ | — | — | — | Q1 | 2021 | Il-linji gwida ta' finanzjament għall-iskema ta' għotjiet għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva daħlu fis-seħħ u b'hekk l-organizzazzjonijiet eliġibbli setgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet. |
| 37 | 1.2.6 Għotjiet għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva | Mira | Approvazzjoni tal-applikazzjonijiet | — | EUR miljun | 0 | 215,65 | Q3 | 2024 | Mill-EUR 227 000 000 allokati għall-miżura, ġew approvati mill-inqas EUR 215 650 000 ta' proġetti ta' xiri ferrovjarju, li jippermettu l-ordnijiet tal-vetturi ferrovjarji korrispondenti. |
| 38 | 1.2.6 Għotjiet għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva | Mira | Ordni tal-vetturi ferrovjarji bi propulsjoni alternattiva | — | Għadd ta' vetturi ferrovjarji ordnati | 0 | 280 | Q4 | 2024 | Ġew ordnati mill-inqas 280 vettura ferrovjarja (lokomottivi) bi propulsjoni alternattiva (għad-diżil konvenzjonali), b'appoġġ mill-iskema, kif muri minn premji vinkolanti mill-benefiċjarju ta' kuntratti għall-konsenja tal-vetturi mal-manifatturi. |
| 39 | 1.2.7 Promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport | Stadju Importanti | Id-dħul fis-seħħ tal-emenda li testendi l-linji gwida eżistenti ta' appoġġ (*Förderrichtlinien*) tal-Programm Nazzjonali ta' Innovazzjoni tat-Teknoloġija tal-Idroġenu u taċ- | Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) | — | — | — | Q4 | 2021 | Il-linji gwida rilevanti dwar il-finanzjament fil-Programm Nazzjonali ta' Innovazzjoni tat-Teknoloġija tal-Idroġenu u taċ-Ċelloli tal-Fjuwil (NIP), li bħalissa huma limitati sat-30 ta' Ġunju 2021, ġew estiżi fiż-żmien u din l-estensjoni daħlet fis-seħħ. Jekk il-proġetti ppjanati taħt il-miżura ma jkunux koperti biżżejjed mil-linji gwida ta' appoġġ eżistenti, għandhom jiġu adottati linji gwida ta' appoġġ separati. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ċelloli tal-Fjuwil (NIP) (jew jekk ma jkunux koperti biżżejjed mil-linji gwida eżistenti ta' appoġġ, id-dħul fis-seħħ ta' linji gwida ġodda ta' appoġġ). | | | | | | | |
| 40 | 1.2.7 Promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport | Mira | Approvazzjoni ta' proġetti għall-industrija tal-vetturi u tal-fornituri għall-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport | — | Għadd ta' proġetti approvati | 0 | 170 | Q4 | 2025 | Ġew approvati mill-inqas 170 R & D u proġetti ta' attivazzjoni tas-suq għall-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport, li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati. |
| 41 | 1.2.7 Promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport | Stadju Importanti | L-istabbiliment ta' Ċentru tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għat-Teknoloġija tal-Idroġenu | Mill-inqas bidu parzjali tal-operazzjonijiet taċ-ċentru | — | — | — | Q3 | 2026 | Iċ-Centru tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għandu jkun mill-inqas parzjalment operattiv, filwaqt li, pereżempju, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jistgħu ma jkunux tlestew. It-tħaddim parzjali taċ-ċentru jiggarantixxi li s-servizzi ta' appoġġ reali lin-negozji u lill-partijiet ikkonċernati jistgħu jiġu pprovduti. |

## C. KOMPONENT 1.3: RINNOVAZZJONI U KOSTRUZZJONI LI MA JAGĦMLUX ĦSARA LILL-KLIMA

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija b'enfasi fuq ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Fis-settur tal-bini, il-Ġermanja għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'madwar 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli attwali (120 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fl-2020). Sal-2050, il-Ġermanja għandha l-għan li tikseb emissjonijiet netti żero tal-gassijiet b'effett ta' serra, inkluż għall-istokk tal-bini fil-Ġermanja. Fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li l-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni jibqgħu affordabbli.

Il-komponent tal-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni li ma jagħmilx ħsara lill-klima għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-objettivi billi jżid l-effiċjenza enerġetika u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ fil-bini. Il-miżuri ta' akkumpanjament għas-settur tal-kostruzzjoni tal-injam lejn id-diġitalizzazzjoni, iċ-ċirkolarità u l-prattiki favur il-klima għandhom jitwettqu wkoll billi l-injam huwa identifikat bħala li għandu l-potenzjal li jikkostitwixxi materjal tal-bini li ma jagħmilx ħsara lill-klima u effiċjenti fir-riżorsi, kif ukoll li jwassal għal metodi ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni kosteffettivi u effiċjenti fl-użu tal-ħin.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari sistemi tal-enerġija nodfa, effiċjenti u integrati u, indirettament, biex l-akkomodazzjoni ssir aktar affordabbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

### *1.3.1 Investiment: Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' kostruzzjoni tal-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima*

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jaċċellera l-iżvilupp, l-użu u d-diffużjoni ta' teknoloġiji, proċessi, prodotti u servizzi innovattivi (trasformazzjoni diġitali) biex jiżdied l-użu tal-injam bħala materjal tal-bini li ma jagħmilx ħsara lill-klima. Il-miżura hija maħsuba wkoll biex tgħin biex jingħelbu l-iżvantaġġi u l-ostakli strutturali sabiex tkun tista' tiġi stabbilita kostruzzjoni bl-injam fuq l-istess livell fil-kostruzzjoni ta' ħafna sulari fuq skala kbira. Biex tingħeleb l-isfida tat-trasferiment tal-għarfien, l-innovazzjoni u t-teknoloġija bejn ir-riċerka u l-prattika, il-miżura għandha l-għan ukoll li ttejjeb in-networking bejn in-negozji, l-akkademja u l-istituzzjonijiet tar-riċerka relatati ma' kostruzzjoni li ma tagħmilx ħsara lill-klima bl-injam.

Għal dak il-għan, il-miżura għandha tiffoka l-appoġġ fuq is-servizzi konsultattivi (analiżi, evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet) diretti lejn iż-żieda fl-użu tal-injam (koniferu/deċidwu) u relatat mad-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni tas-servizz u tan-

negozju, l-ottimizzazzjoni tan-negozju u r-riċiklabbiltà tal-prodotti għall-bini. Il-miżura għandha tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni relatati mal-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' kostruzzjoni tal-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima. Minħabba l-istruttura tas-settur, l-SMEs huma mistennija li jkunu l-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021. Dan jikkorrispondi għall-perjodu li matulu s-sidien tal-proġetti jistgħu japplikaw għall-appoġġ.

*1.3.2 Investiment: Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija*

Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija jesploraw u juru soluzzjonijiet innovattivi għall-provvista tal-enerġija effiċjenti u sostenibbli tal-viċinati urbani. L-innovazzjonijiet teknoloġiċi u mhux tekniċi huma ttestjati f'ambjent tad-dinja reali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-teknoloġija u l-penetrazzjoni tas-suq, filwaqt li jservu bħala mudell għall-introduzzjoni sussegwenti fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet integrati.

Il-laboratorji ħajjin (inkluża din il-miżura) huma waħda mill-miżuri ta' akkoppjament tas-settur tal-Pjan Nazzjonali Ġermaniż għall-Enerġija u l-Klima (NECP).

Għandhom jiġu implimentati mill-inqas erba' proġetti kollaborattivi, li jkopru mill-inqas 10 viċinati urbani.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

*1.3.3 Investiment: Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija*

Din il-miżura ta' investiment tiffoka fuq l-appoġġ għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini residenzjali. Il-miżura għandha tikseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju ta' fond kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini[4]. B'mod aktar speċifiku, minħabba l-istat attwali tal-istokk tad-djar u r-rekwiżit minimu biex jinkiseb appoġġ taħt il-miżura (il-bini rinnovat irid jikseb bħala minimu l-klassi tal-enerġija 100), bħala medja, huwa mistenni li jinkiseb minimu ta' 45 % tal-iffrankar tad-domanda għall-enerġija primarja u potenzjalment ogħla b'mod sinifikanti (iffrankar ta' 70 %) permezz ta' bonusijiet għall-enerġija rinnovabbli u klassijiet aħjar tal-effiċjenza enerġetika.

L-implimentazzjoni tal-miżura skont il-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza hija mistennija li tibda sal-1 ta' Lulju 2021 u għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed tippjana li testendi l-miżura lil hinn mill-2026 b'finanzjament mill-baġit nazzjonali tagħha.

**<u>C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura</u>**

[4] ĠUL 127, 16.5.2019, p. 34–79

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 42 | 1.3.1 Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' settur tal-kostruzzjoni tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima | Stadju Importanti | Linji gwida ta' finanzjament dwar il-promozzjoni ta' kostruzzjoni tal-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima | Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali *(Bundesanzeiger)* u d-dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament | — | — | — | Q1 | 2021 | Il-linji gwida ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali*(Bundesanzeiger*), li jippermettu lill-kumpaniji u lill-organizzazzjonijiet eliġibbli japplikaw għall-finanzjament. |
| 43 | 1.3.1 Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' settur tal-kostruzzjoni tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima | Mira | Approvazzjoni ta' proġetti relatati mal-iżvilupp ta' kostruzzjoni tal-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima | — | Għadd ta' proġetti approvati | 0 | 20 | Q2 | 2022 | Ġew approvati mill-inqas 20 proġett, li ppermettew lill-benefiċjarji jibdew l-implimentazzjoni tagħhom. |
| 44 | 1.3.2 Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija | Mira | Approvazzjoni ta' proġetti ta' "laboratorji ħajjin" | — | Għadd ta' proġetti approvati | 0 | 4 | Q4 | 2023 | Mill-inqas erba' proġetti konġunti ta' laboratorji ħajjin ġew approvati permezz ta' deċiżjoni ta' għotja, li tippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tagħhom. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 | 1.3.2 Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' viċinat urban | — | Għadd | 0 | 10 | Q1 | 2026 | Ġew ittestjati installazzjonijiet innovattivi għal provvista effiċjenti u sostenibbli tal-enerġija u dawn huma operattivi f' 10 distrett urban. L-10 proġett tal-viċinat implimentati b'mod ċar jiksbu tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja meta mqabbla mal-provvista tal-enerġija konvenzjonali għall-bini, u b'hekk jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni fis-settur tal-bini. |
| 46 | 1.3.3 Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija | Stadju Importanti | Linji gwida ta' finanzjament għall-appoġġ ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini | Pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali *(Bundesanzeiger)* | — | — | — | Q3 | 2021 | Il-linji gwida ġew ippubblikati, li jippermettu lill-familji u lill-organizzazzjonijiet eliġibbli japplikaw għall-finanzjament. |
| 47 | 1.3.3 Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija | Mira | It-tlestija ta' rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija ta' 10 000 unità ta' akkomodazzjoni. | — | Għadd ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni rinnovati | 0 | 10 000 | Q4 | 2024 | Ikunu ġew rinnovati mill-inqas 10 000 unità residenzjali taħt l-iskema ta' appoġġ; ix-xogħlijiet korrispondenti twettqu bis-sħiħ u l-għotjiet korrispondenti ġew żborżati. |
| 48 | 1.3.3 Rinnovazzjoni tal-bini: | Mira | Tlestija ta' rinnovazzjonijiet effiċjenti fl- | — | Numru | 10 000 | 40 000 | Q2 | 2026 | Ikunu ġew rinnovati mill-inqas 40 000 unità residenzjali taħt l-iskema |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija | | enerġija ta' 30 000 unità oħra ta' abitazzjoni | | | | | | | ta' appoġġ; ix-xogħlijiet korrispondenti twettqu bis-sħiħ u l-għotjiet korrispondenti ġew żborżati. |

## D. KOMPONENT 2.1: ID-*DATA* BĦALA L-MATERJA PRIMA TAL-FUTUR

L-objettivi ta' dan il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza huma li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija tad-data sigura u dinamika permezz tal-promozzjoni tal-innovazzjoni xprunata mid-data fil-kuntest tal-istrateġija tad-data[5] adottata mill-gvern federali Ġermaniż fis-27 ta' Jannar 2021, kif ukoll permezz ta' investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-ewwel skjeramenti industrijali f'oqsma teknoloġiċi strateġiċi marbuta mal-ipproċessar tad-data (il-mikroelettronika u l-infrastrutturi u s-servizzi tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss) fil-kuntest ta' inizjattivi multinazzjonali kbar.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

#### *Ir-riforma tal-2.1.1: Politika tad-data innovattiva għall-Ġermanja*

L-għanijiet tal-miżura huma li trawwem il-kondiviżjoni u l-użu innovattiv tad-data. B'mod partikolari għandha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' infrastrutturi, il-litteriżmu fid-data, l-inċentivi għall-kondiviżjoni tad-data u l-inċentivi għall-investiment fl-ekonomija tad-*data*.

L-investiment jikkonsisti f'appoġġ għal proġetti, magħżula prinċipalment permezz ta' sejħiet għal proposti, li jkopru l-attivitajiet li ġejjin:

- riċerka u żvilupp ta' softwer għal informatika ta' prestazzjoni għolja;
- proġetti pilota/użu ta' każijiet/laboratorji reali ("sandboxes ta' *data* regolatorja") għall-ittestjar u l-monitoraġġ xjentifiku ta' mudelli ta' diffużjoni tad-*data*;
- network ta' riċerka ta' sitt laboratorji ħajjin li jinvestigaw id-depersonalizzazzjoni tad-*data* f'ċerti oqsma ta' applikazzjoni bħall-kura tas-saħħa, l-industrija awtomobilistika, il-bejgħ bl-imnut u l-manifattura;
- proġetti ta' riċerka dwar teknoloġiji biex id-*data* tiġi anonimizzata;
- azzjonijiet immirati lejn l-iżvilupp ta' litteriżmu fid-*data* f'oqsma differenti tax-xjenza (inklużi dawk li huma inqas intensivi fid-*data*);
- laboratorji tax-xjenza tad-*data* marbuta mal-infrastruttura nazzjonali tad-data tar-riċerka;
- appoġġ lir-riċerkaturi żgħażagħ fix-xjenza tad-*data*;
- appoġġ lill-universitajiet fl-użu mill-ġdid, il-kondiviżjoni u l-ġestjoni tad-*data* tar-riċerka;
- il-monitoraġġ tal-ħiliet tad-*data* tal-popolazzjoni Ġermaniża;
- korsijiet tal-litteriżmu tad-*data* għall-istudenti u studenti oħra;

---

[5] Ara https://www.bundesregierung.de/breg-de/suche/datenstrategie-der-bundesregierung-1845632

- ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-arkitetturi, l-istituzzjonijiet u l-ispazji għas-soċjetà tad-*data*;
- l-iżvilupp ta' sett ta' għodod disponibbli liberament għal aktar litteriżmu fid-*data*; u
- proġett pilota dwar il-kooperazzjoni tad-d*ata* fil-katina tal-valur tal-ikel.

Għandu jiġi appoġġat ukoll sett speċifiku ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-litteriżmu tad-*data* u l-użu tad-*data* fl-amministrazzjoni federali. Dawn għandhom jinkludu:

- ir-rendikont u l-analiżi ta' miżuri li diġà ttieħdu biex jiżdied il-litteriżmu tad-*data*;
- l-immappjar tal-kompetenza tad-*data* fis-servizzi kollha tal-amministrazzjoni pubblika;
- il-ħolqien ta' Xjenzjati Prinċipali tad-*Data* jew rwoli simili fil-ministeri federali;
- l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' laboratorji tad-*data* interni u ċentri ta' kompetenza tad-*data* fil-ministeri u l-aġenziji federali, inkluż b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin, il-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka, l-Aġenzija Federali għall-Ambjent, il-Ministeru Federali tad-Difiża, il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, l-Istitut Federali għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-Korporazzjoni Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali; u
- il-ħolqien ta' akkademja diġitali fl-Akkademja Federali għall-Amministrazzjoni Pubblika, li tiġbor flimkien l-opportunitajiet kollha ta' taħriġ biex tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

### *2.1.2 Investiment: IPCEI Il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni*

L-objettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għal inizjattiva transfruntiera fuq skala kbira li għandha l-għan li tagħti lill-Unjoni Ewropea l-kapaċitajiet fid-disinn tal-elettronika u l-iskjerament tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' proċessuri u komponenti elettroniċi oħra fdati b'qawwa baxxa.

L-inizjattiva hija mistennija li tiġi implimentata permezz ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)[6].

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti Ġermaniżi fi proġetti li għandhom jiġu implimentati bħala parti mill-IPCEI.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

### *2.1.3 Investiment: IPCEI Infrastruttura u Servizzi Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)*

L-objettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għal inizjattiva transfruntiera fuq skala kbira li għandha l-għan li trawwem l-iżvilupp u l-ewwel użu industrijali ta' soluzzjonijiet cloud u

[6] L-IPCEIs huma soġġetti għar-rekwiżit ta' notifika u għall-obbligu ta' sospensjoni fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla u l-ispeċifiċitajiet tal-proġetti individwali jistgħu jeħtieġu aġġustamenti skont dan biex jiżguraw konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli. Huma biss il-proġetti approvati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni skont ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat li jistgħu jirċievu għajnuna mill-Istat.

edge intelliġenti li huma innovattivi ħafna, kompletament interoperabbli, siguri ħafna, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u konformi bis-sħiħ mal-protezzjoni tad-*data*.

L-inizjattiva hija mistennija li tiġi implimentata permezz ta' IPCEI.

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti Ġermaniżi fi proġetti li għandhom jiġu implimentati bħala parti mill-IPCEI.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li aktar minn 50 % ta' dawn il-proġetti jindirizzaw l-effiċjenza fl-enerġija bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-*Data*.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

**D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

.

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 49 | 2.1.1 Politika innovattiva dwar id-*data* għall-Ġermanja | Stadju Importanti | Bidu tal-proġetti | Bidu tal-proġetti kollha | — | — | — | Q4 | 2022 | Il-proġetti u l-attivitajiet kollha tal-miżura bdew. Kull fejn rilevanti, il-proċeduri tal-għażla tlestew u l-proġetti magħżula bdew. |
| 50 | 2.1.1 Politika innovattiva dwar id-*data* għall-Ġermanja | Mira | Żvilupp ta' riżorsi umani u kapaċitajiet fil-ministeri federali | — | Perċentwal ta' ministeri federali b'unitajiet tad-data u laboratorji tad-*data* interni | 0 | 95 | Q3 | 2026 | Mill-inqas 95 % tal-ministeri federali stabbilixxew unità tax-Xjenzjat Prinċipali tad-*Data* jew ekwivalenti u laboratorju tad-*data* interna |
| 51 | 2.1.1 Politika innovattiva dwar id-*data* għall-Ġermanja | Mira | Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' mill-inqas EUR 464 400 000 għall-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 464,4 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 516 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 464 400 000 ġew żborżati għal proġetti u attivitajiet previsti. |
| 52 | 2.1.2 Mikroelettronika u Konnettività tal-IPCEI | Stadju Importanti | Disinn tal-kontenut tal-IPCEI ppjanat | Tlestija tal-proċess nazzjonali tas-sejħa għal espressjoni ta' | — | — | — | Q2 | 2021 | Il-proċedura ta' espressjoni ta' interess tlestiet. Ġew identifikati proġetti potenzjali u parteċipanti fil-proġetti fil-Ġermanja. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | interess biex jiġu identifikati proġetti fil-Ġermanja | | | | | | |
| 53 | 2.1.2 Mikroelettronika u Konnettività tal-IPCEI | Mira | Tnedija tal-ewwel proġetti | — | Numru ta' proġetti | 0 | 10 | Q4 | 2022 | Ġew iffirmati 10 deċiżjonijiet ta' għotja. |
| 54 | 2.1.2 Mikroelettronika u Konnettività tal-IPCEI | Mira | Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' mill-inqas EUR 1 275 000 000 għall-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 1 275 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 1 500 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 1 425 000 000 ġew impenjati (permezz ta' firem ta' deċiżjonijiet ta' għotja) u mill-inqas EUR 1 275 000 000 ġew żborżati għal proġetti. |
| 55 | 2.1.3 Infrastruttura u Servizzi Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-IPCEI (IPCEI CIS) | Stadju Importanti | Tnedija ta' proġetti ta' riċerka | Firma tad-deċiżjonijiet ta' għotja għall-proġetti tar-RDI | — | — | — | Q4 | 2022 | Id-deċiżjonijiet ta' għotja ġew iffirmati għall-proġetti kollha tar-RuŻuI koperti mid-deċiżjoni IPCEI dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-kriterji tal-għażla żguraw li aktar minn 50 % ta' dawn il-proġetti jindirizzaw l-effiċjenza fl-enerġija bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-*Data*. |
| 56 | 2.1.3 Infrastruttura u Servizzi Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-IPCEI (IPCEI CIS) | Stadju Importanti | Tlestija tal-proġetti tar-RDI u t-tnedija ta' proġetti pilota fuq skala kbira ta' każijiet ta' użu | Pubblikazzjoni ta' rapport dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proġetti | — | — | — | Q4 | 2024 | Ġie ppubblikat rapport dwar is-sitwazzjoni attwali tal-inizjattiva. |
| 57 | 2.1.3 Infrastruttura u Servizzi | Mira | L-ewwel użu industrijali ta' soluzzjonijiet | — | Għadd ta' każijiet | 0 | 1 | Q3 | 2026 | Mill-inqas wieħed mill-każijiet ta' użu indirizzati fil-fażi ta' pilotaġġ fuq skala kbira għandu jkun ġie soġġett għall-ewwel |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-IPCEI (IPCEI CIS) | | żviluppati taħt il-miżura. | | ta' użu indirizzati fi proġetti pilota fuq skala kbira li eventwalment jiġu indirizzati fl-ewwel skjeramenti industrijali | | | | | użu industrijali. |
| 58 | 2.1.3 Infrastruttura u Servizzi Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-IPCEI (IPCEI CIS) | Mira | Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' mill-inqas EUR 637 500 000 għall-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 637,5 | Q3 | 2026 | Mill-EUR 750 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 712 500 000 ġew impenjati (permezz ta' firem ta' deċiżjonijiet ta' għotja) u mill-inqas EUR 637 500 000 ġew żborżati għal proġetti. Aktar minn 50 % tal-proġetti ffinanzjati indirizzaw l-effiċjenza fl-enerġija bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom u kkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data. |

## E. KOMPONENT 2.2: DIĠITALIZZAZZJONI TAL-EKONOMIJA

L-objettivi tal-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza huma li jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija Ġermaniża u l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-komponent jindirizza aspetti essenzjali bħar-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-teknoloġiji diġitali, u l-ħiliet. Għandha wkoll l-għan li tipprovdi appoġġ speċifiku għas-setturi awtomobilistiċi u ferrovjarji.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

#### *2.2.1 Investiment: Programm ta' investiment tal-manifattur tal-vettura/tal-industrija tal-provvista*

L-għan tal-miżura huwa li tipprovdi appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-industrija awtomobilistika, fil-kuntest ta' programm li għandu l-għan li jappoġġa investimenti orjentati lejn il-futur mill-manifatturi tal-vetturi u mill-industrija tal-provvista[7].

L-investiment jikkonsisti fil-finanzjament ta' proġetti li għandhom jintgħażlu permezz ta' erba' sejħiet għal proposti li jikkorrispondu għal tliet moduli u li jindirizzaw:

- modulu (a):
  - investimenti għall-produzzjoni futura tal-vetturi, li jappoġġaw b'mod partikolari proġetti ta' investiment minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-industrija tal-vetturi, bil-għan li l-proċessi ta' produzzjoni jsiru aktar effiċjenti fl-enerġija u diġitali; u
  - appoġġ għal proġetti ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni u l-industrija 4.0 fl-industrija tal-vetturi.
- modulu (b):
  - appoġġ għal proġetti ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tas-sewqan awtomatizzat, sistemi tal-motopropulsjoni innovattivi u bini tad-dawl fit-teknoloġiji tal-vetturi.
- modulu (c):
  - appoġġ għal raggruppamenti ta' innovazzjoni reġjonali għat-trasformazzjoni tal-industrija tal-vetturi, li jindirizzaw b'mod partikolari l-industrija tal-provvista u jiffokaw fuq it-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-intrapriżi minn reġjuni partikolarment affettwati minn tibdil strutturali, it-tranżizzjoni lejn propulsjoni

[7] https://www.bmwi.de/Redaktion/DE/Textsammlungen/Industrie/zukunftsinvestitionen-fahrzeughersteller-zulieferindustrie.html

newtrali għall-klima u d-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-produzzjoni tal-industrija tal-vetturi.

Għandhom jiġu appoġġati biss investimenti futuri li jagħtu kontribut sinifikanti għall-objettivi tad-diġitalizzazzjoni u tal-klima tal-programm immiedi mill-Ġermanja biex jiġu appoġġati investimenti orjentati lejn il-futur mill-manifatturi tal-vetturi u l-industrija tal-provvista. Għalhekk, l-ebda appoġġ immirat għat-teknoloġiji tal-magni ta' kombustjoni fossili fis-settur tal-vetturi ma għandu jiġi pprovdut taħt il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

***Ir-riforma tal-2.2.2: Programm Federali "Bini ta' networks ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwi (networks CET)"***

L-għan tal-miżura huwa li tappoġġa l-hekk imsejħa "netwerks CET", li jippromwovu l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari għall-impjegati tal-SMEs. B'mod aktar speċifiku, l-għan huwa li jiġi appoġġjat l-istabbiliment jew l-iżvilupp ta' networks ta' żvilupp professjonali, sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu, fost affarijiet oħra, jibbenefikaw mill-esperjenza ta' kumpaniji oħra u ta' ċentri u istituzzjonijiet edukattivi u konsultattivi, u b'hekk jiżviluppaw l-ippjanar strateġiku tagħhom għall-iżvilupp u t-taħriġ tal-persunal. Dawn l-"alleanzi tal-ħiliet" għandhom jippermettu wkoll lill-fornituri tat-taħriġ parteċipanti jadattaw l-offerta tagħhom.

L-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' madwar 40 proġett pilota, magħżula permezz ta' waħda mis-sejħiet għal proposti organizzati taħt il-programmi federali "Bini ta' networks CET".

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

***2.2.3 Investiment: Ċentru ta' Riċerka dwar id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-Bundeswehr (dtec.bw)***

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni dwar oqsma teknoloġiċi strateġiċi għall-futur, sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranità diġitali u teknoloġika Ġermaniża u Ewropea.

L-investiment jikkonsisti f'attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni mmexxija miċ-Ċentru għar-Riċerka dwar id-Diġitalizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr (dtec.bw).

Il-proġetti ta' riċerka korrispondenti għandhom jiffukaw fuq oqsma diġitali u teknoloġiji ewlenin għall-futur, f'konformità mal-prijoritajiet ta' strateġija ta' teknoloġija avvanzata tal-gvern federali ("Sostenibbiltà", "Protezzjoni tal-Klima u l-Enerġija", "Mobbiltà", "Sigurtà" u "Ekonomija u Xogħol 4.0"):

- Ir-riċerka spazjali, l-inġinerija ajruspazjali u l-komunikazzjoni spazjali;
- Teknoloġija tas-sensuri u sistemi ta' sensuri integrati;
- Mobilità innovattiva u konnessa;
- Iċ-ċibersigurtà, inklużi l-komunikazzjonijiet kwantum;
- Riċerka dwar ir-riskju, l-infrastrutturi kritiċi, is-sigurtà u l-kunflitt;
- It-teknoloġiji, il-metodi u l-impatti tad-diġitalizzazzjoni (eż. il-manifattura addittiva);
- Id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tal-enerġija u tal-produzzjoni, l-iżvilupp tal-infrastruttura sostenibbli;

- L-intelliġenza Artifiċjali, ir-robotika u s-sistemi fiżiċi intelliġenti; u
- Ħiliet għad-dinja diġitali tax-xogħol u mudelli ta' tmexxija tal-futur.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

***2.2.4 Investiment: Il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji bis-sostituzzjoni ta' programmi konvenzjonali ta' interlocking/fast-track biex titħaffef l-introduzzjoni tal-"Ġermanja Ferrovjarja Diġitali" (SLP)***

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji fil-kuntest tal-inizjattiva "Digital Rail Germany" u l-programm "fast track" li għandu l-għan li jaċċelleraha. Din l-inizjattiva tiġbor flimkien il-partijiet interessati pubbliċi u privati (inkluża l-Awtorità Federali tal-Ferroviji (EBA), l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tekniċi u l-industrija, fost l-oħrajn) sabiex jiġu żviluppati komponenti standardizzati, interoperabbli u modulari għad-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet ferrovjarji.

L-investiment jikkonsisti fil-finanzjament ta' seba' proġetti pilota tal-programm, li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet li jissostitwixxu l-kaxex ta' sinjali qodma u s-sistemi ta' protezzjoni tal-passaġġ invell b'sistemi ta' sigurtà tal-aħħar ġenerazzjoni diġitali.

Erbgħa minn dawn il-proġetti għandhom jippermettu lid-ditti stabbiliti jiċċertifikaw soluzzjonijiet ġodda f'kuntest operattiv, filwaqt li t-tlieta l-oħra għandhom jippermettu lill-fornituri addizzjonali jivvalidaw is-soluzzjonijiet tagħhom fit-testijiet tal-laboratorju. Is-soluzzjonijiet il-ġodda żviluppati minn dawn il-proġetti għandhom ikunu kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-programm "Digital Rail Germany". Huma mistennija wkoll li jkunu aġġornati u kompatibbli ma' aġġornament sussegwenti tal-ETCS (Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji) permezz ta' interfaċċi uniformi tas-sistema.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

**E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 59 | 2.2.1 Programm ta' investiment għall-manifatturi/fornituri tal-vetturi | Stadju Importanti | Pubblikazzjoni tal-linji gwida kollha dwar il-finanzjament | Pubblikazzjoni tal-linji gwida addizzjonali dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) | — | — | — | Q1 | 2021 | Il-linji gwida kollha dwar il-finanzjament għall-erba' tipi ta' miżuri ta' appoġġ taħt il-programm ġew ippubblikati fil-Gazetta Federali *Bundesanzeiger* u saru legalment vinkolanti. |
| 60 | 2.2.1 programm ta' investiment għall-manifatturi/fornituri tal-vetturi | Mira | L-approvazzjoni ta' proġetti. | — | Għadd ta' proġetti approvati | 0 | 401 | Q1 | 2023 | Mill-inqas 401 proġett (għat-tliet moduli) ġew approvati u rċevew deċiżjoni ta' għotja għall-implimentazzjoni. |
| 61 | 2.2.1 Programm ta' investiment għall-manifatturi/fornituri tal-vetturi | Mira | Tlestija b'suċċess tal-proġetti | — | Għadd ta' proġetti li tlestew b'suċċess | 0 | 531 | Q3 | 2026 | Mill-inqas 531 proġett ta' finanzjament approvati bejn l-2021 u l-2026 tlestew b'suċċess. |
| 62 | 2.2.2 Programm Federali "Bini ulterjuri ta' networks CET" | Stadju Importanti | Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament | Pubblikazzjoni tal-linji gwida addizzjonali dwar il-finanzjament fil-Gazzetta | — | — | — | Q2 | 2020 | Il-linji gwida dwar il-finanzjament ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) u saru legalment vinkolanti. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Federali (*Bundesanzeiger*) | | | | | | |
| 63 | 2.2.2 Programm Federali "Bini ulterjuri ta' networks CET" | Mira | Parteċipazzjoni attiva ta' intrapriżi addizzjonali fin-networks tas-CET | — | Għadd ta' intrapriżi addizzjonali li jipparteċipaw fin-networks tas-CET | 0 | 200 | Q4 | 2022 | Mill-inqas 200 intrapriża addizzjonali jipparteċipaw fin-networks tas-CET. Dawn il-kumpaniji jipparteċipaw fil-ġbir ta' ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil ta' miżuri jew moduli ta' taħriġ ġodda u l-użu ta' miżuri jew moduli ta' taħriġ proposti flimkien ma' kumpaniji oħra (l-użu ta' informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti biss ma għandhomx jitqiesu bħala parteċipazzjoni attiva). Għal din il-mira għandhom jitqiesu biss il-kumpaniji li għadhom ma ġewx innominati bħala sħab ta' kooperazzjoni fil-bidu tal-alleanza tal-ħiliet rispettivi. |
| 64 | 2.2.2 Programm Federali "Bini ulterjuri ta' networks CET" | Mira | Reviżjoni jew tfassil mill-ġdid ta' miżuri jew submoduli ta' taħriġ bħala riżultat tal-ħidma tan-networks tas-CET | — | Għadd ta' miżuri ta' taħriġ riveduti jew imfassla mill-ġdid | 0 | 60 | Q4 | 2024 | Mill-inqas 60 miżura jew submodulu ta' taħriġ ġew imfassla mill-ġdid jew riveduti, filwaqt li tqiesu l-ħiliet diġitali, li nbdew jew ġew imħeġġa min-networks tas-CET jew li jqisu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet imwettqa mill-korpi ta' koordinazzjoni tan-networks tas-CET. |
| 65 | 2.2.3 Ċentru ta' Riċerka dwar id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-Bundeswehr | Mira | Tnedija ta' proġetti ta' riċerka | — | Għadd ta' proġetti | 0 | 68 | Q1 | 2021 | Ġew iffirmati mill-inqas 68 għotja ta' finanzjament u t-68 proġett korrispondenti rċevew finanzjament u jistgħu jibdew l-attività ta' riċerka tagħhom. |
| 66 | 2.2.3 Ċentru ta' Riċerka dwar id-diġitalizzazzjo | Stadju Importanti | Rapport dwar ir-riċerka u t-trasferiment tar-riżultati | Pubblikazzjoni ta' rapport lill-Ministeru Federali tad- | — | — | — | Q4 | 2023 | Ġie ppubblikat rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża, li jikkonferma l-progress tal-proġetti ffinanzjati f'termini ta' riżultati tar-riċerka, kooperazzjoni, |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ni u t-teknoloġija tal-Bundeswehr | | | Difiża li jikkonferma l-progress b'suċċess tal-proġetti | | | | | | trasferiment tal-għarfien u trasferiment tat-teknoloġija b'mill-inqas (kollox ma' kollox):<br>- 200 pubblikazzjoni;<br>- 70 kollaborazzjoni mibdija ma' istituti oħra ta' riċerka;<br>- 30 kollaborazzjoni mibdija ma' kumpaniji industrijali u negozji ġodda;<br>- 15-il kollaborazzjoni mibdija ma' aġenziji tal-Forzi Armati Federali u l-amministrazzjoni pubblika;<br>- 10 prototipi ta' teknoloġiji maturi; u<br>- 10 applikazzjonijiet għal privattivi.<br>Ġiet ippubblikata wkoll evalwazzjoni esterna tal-miżura mill-Kunsill tax-Xjenza Ġermaniż. |
| 67 | 2.2.3 Ċentru ta' Riċerka dwar id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-Bundeswehr | Mira | Kontinwazzjoni tal-proġetti | — | Għadd ta' proġetti vvalutati bħala li qed jipprogressaw b'mod sodisfaċenti | 0 | 40 | Q2 | 2024 | Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni *interim*, mill-inqas 40 proġett huma kkunsidrati bħala li qed jipprogressaw b'mod sodisfaċenti u jistgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom. |
| 68 | 2.2.3 Ċentru ta' Riċerka dwar id-diġitalizzazzjo | Mira | Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' EUR 700 000 000 lil dawk | — | Fondi mħallsa lill-proġetti | 0 | 700 | Q3 | 2026 | Mill-inqas EUR 700 000 000 ġew żborżati għal proġetti appoġġati permezz tal-miżura. |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ni u t-teknoloġija tal-Bundeswehr | | appoġġati | | | | | | |
| 69 | 2.2.3 Ċentru ta' Riċerka dwar id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-Bundeswehr | Stadju Importanti | Rapport dwar ir-riċerka u t-trasferiment tar-riżultati | Pubblikazzjoni ta' rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża li jikkonferma l-progress b'suċċess tal-proġetti | — | — | — | Q3 | 2026 | Ġie ppubblikat rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża, li jikkonferma s-suċċess ġenerali tal-proġetti ffinanzjati f'termini ta' riżultati tar-riċerka, kooperazzjoni, trasferiment tal-għarfien u trasferiment tat-teknoloġija b'mill-inqas (kollox ma' kollox):<br>- 400 pubblikazzjoni;<br>- Tlestew 60 dottorat;<br>- 100 kollaborazzjoni mibdija ma' istituti oħra ta' riċerka;<br>- 70 kollaborazzjoni mibdija ma' kumpaniji industrijali u negozji ġodda;<br>- 30 kollaborazzjoni mibdija ma' aġenziji tal-Forzi Armati Federali u l-amministrazzjoni pubblika;<br>- 20 prototipi ta' teknoloġiji maturi;<br>- 20 applikazzjoni għal privattivi; u<br>- 10 proġett ta' bidu. |
| 70 | 2.2.4 Il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji bis-sostituzzjoni | Stadju Importanti | L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament għall-programm "fast track" bejn il-Gvern Federali u Deutsche Bahn | Ftehim ta' finanzjament iffirmat bejn il-Gvern Federali u Deutsche Bahn | — | — | — | Q4 | 2020 | Il-Ftehim ta' finanzjament bejn il-Gvern Federali u d-Deutsche Bahn ġie ffirmat. |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ta' programmi konvenzjonali ta' interlocking/fast-track biex titħaffef l-introduzzjoni ta' "Digital Rail Germany" | | | | | | | | |
| 71 | 2.2.4 Il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji bis-sostituzzjoni ta' programmi konvenzjonali ta' interlocking/fast-track biex titħaffef l-introduzzjoni ta' "Digital Rail Germany" | Stadju Importanti | Rapport *interim* dwar l-implimentazzjoni | Rapport *interim* ippreżentat minn DB Netz AG lill-Ministeru Federali tat-Trasport u l-Infrastrutturi (BMVI) u lill-Awtorità Federali tal-Ferroviji (EBA) dwar l-implimentazzjoni tal-programm. | — | — | — | Q2 | 2021 | DB Netz AG ippreżentat rapport lill-Ministeru Federali tat-Trasport u l-Infrastrutturi (BMVI) u lill-Awtorità Federali tal-Ferroviji (EBA) dwar l-implimentazzjoni tal-programm. |
| 72 | 2.2.4 Il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji bis-sostituzzjoni ta' programmi konvenzjonali ta' | Mira | Tlestija b'suċċess tal-proġetti pilota | — | Għadd ta' proġetti pilota li tlestew | 0 | 7 | Q4 | 2021 | Seba' proġetti pilota tal-programm, li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jissostitwixxu l-kaxxi ta' sinjali qodma u s-sistemi ta' protezzjoni tal-qsim invell b'sistemi ta' sigurtà tal-aħħar ġenerazzjoni diġitali tlestew b'suċċess, b'validazzjoni f'kundizzjonijiet operattivi għal mill-inqas erbgħa minnhom, u b'validazzjoni f'kundizzjonijiet tal-laboratorju għall- |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | interlocking/fast-track biex titħaffef l-introduzzjoni ta' "Digital Rail Germany" | | | | | | | | | oħrajn. |

## F. KOMPONENT 3.1: DIĠITALIZZAZZJONI TAL-EDUKAZZJONI

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti fit-tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni. L-għan ġenerali huwa li jkun hemm aktar tagħlim diġitali u tagħlim aħjar fis-sistemi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-Ġermanja.

Il-komponent jindirizza l-isfida tal-edukazzjoni diġitali fil-Ġermanja. L-isfida li ilha tiġi identifikata ġiet aggravata mill-pandemija tal-COVID-19 billi l-lockdown relatat ikkawża l-għeluq tas-siti tal-edukazzjoni bħall-iskejjel, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-universitajiet. Bil-bidla lejn l-edukazzjoni online, l-infrastruttura subottimali u l-ħiliet diġitali bażiċi qed ixekklu l-proċessi tat-tagħlim.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq l-edukazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020 u 1 fl-2019) u t-titjib tal-eżiti edukattivi u l-livelli ta' ħiliet ta' gruppi żvantaġġati (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

#### *3.1.1: Investiment: Programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema*

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżgura l-fattibbiltà tat-tagħlim diġitali fl-iskejjel kollha fil-Ġermanja. Dan jikkonsisti f'li l-għalliema kollha jingħataw apparat diġitali mobbli fuq bażi ta' self. Il-miżura għandha tkun parti minn qafas akbar li jappoġġa l-edukazzjoni diġitali li huwa biss parzjalment appoġġat mill-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-forniment ta' apparat diġitali għandu jiġi żgurat mill-iskejjel.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

#### *3.1.2 Riforma: Pjattaforma edukattiva*

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tiġi żviluppata u stabbilita l-ewwel pjattaforma nazzjonali tal-edukazzjoni għal qasam tal-edukazzjoni li jinkludi kollox li, b'mezzi diġitali, jappoġġa l-iżvilupp tal-kompetenzi mill-istudenti matul il-perkorsi ta' tagħlim individwali tagħhom. Il-pjattaforma għandha tgħaqqad offerti ta' tagħlim u materjali ta' tagħlim eżistenti u ġodda u tippermetti aċċess wiesa' u miftuħ.

L-implimentazzjoni tal-investiment hija mistennija li tibda sal-31 ta' Diċembru 2021 u għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

#### *3.1.3 Riforma: Ċentri edukattivi ta' eċċellenza*

L-għan ta' din il-miżura huwa li ttejjeb u tistituzzjonalizza l-edukazzjoni diġitali bħala parti mill-qafas stabbilit għall-edukazzjoni tal-għalliema u l-edukazzjoni avvanzata. Il-

miżura għandha tappoġġa l-iżvilupp u l-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza għall-edukazzjoni diġitali fuq il-bażi ta' sistema ta' kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni tal-għalliema u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ kontinwu, l-universitajiet u l-istituti ta' riċerka.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

***3.1.4 Investiment: Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali***

Dan l-investiment ifittex li jattrezza sa 60 istituzzjoni edukattiva differenti tal-forzi armati (*Bundeswehr*) b'teknoloġija tal-informazzjoni aġġornata. Il-miżura għandha tinkludi analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni attwali u l-ħtiġijiet ta' aġġornament fl-istituzzjonijiet differenti u introduzzjoni sussegwenti tat-tagħmir u s-sistemi meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

**<u>F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura</u>**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/ Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 73 | 3.1.1 Programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema | Stadju Importanti | Ftehim amministrattiv | Konklużjoni tal-ftehim amministrattiv bejn il-Gvern Federali tal-Ġermanja u l-korpi governattivi fil-livell tal-Länder | — | — | — | Q1 | 2021 | Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) tal-ftehim amministrattiv bejn il-gvern federali tal-Ġermanja u l-korpi governattivi fil-livell tal-Länder għall-implimentazzjoni ta' dan l-investiment. |
| 74 | 3.1.1 Programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema | Mira | Żborż ta' mill-inqas EUR 475 000 000 għall-proġetti appoġġati | — | EUR miljun | 0 | 475 | Q1 | 2022 | Mill-EUR 500 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 475 000 000 ġew żborżati għall-forniment ta' tagħmir diġitali għall-għalliema. |
| 75 | 3.1.1 Programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema | Stadju Importanti | Evalwazzjoni tal-bidliet fl-infrastruttura diġitali u l-użu tal-midja diġitali fl-iskejjel | Rapport finali ta' l-evalwazzjoni | — | — | — | Q4 | 2025 | Ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-programm jikkonferma li l-għalliema osservaw titjib fl-infrastruttura diġitali disponibbli u l-użu tal-midja diġitali fl-iskola. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | 3.1.2 Pjattaforma tal-edukazzjoni | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ tal-linji gwida ta' finanzjament għall-prototipi ta' pjattaforma edukattiva u l-akkwist imniedi | Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament u s-sejħa għall-offerti fil-Gazzetta Federali *(Bundesanzeiger* ) | — | — | — | Q1 | 2022 | Daħlu fis-seħħ linji gwida ta' finanzjament għall-iżvilupp ta' tliet prototipi separati tal-metapjattaforma dwar l-edukazzjoni, kif ukoll għal proġetti ta' riċerka transkompatibbli, aċċessibbli mill-istudenti u l-għalliema. Skont ir-riżultat ta' dawn il-proġetti, id-dimensjonijiet ewlenin tal-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett huma ċċarati u għandha titnieda l-proċedura tal-akkwist. |
| 77 | 3.1.2 Pjattaforma tal-edukazzjoni | Stadju Importanti | Tnedija tal-verżjoni beta tal-pjattaforma tal-edukazzjoni | Tnedija tal-verżjoni beta tal-pjattaforma fuq is-sit web tal-(*BMBF*) ( Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka) | — | — | — | Q3 | 2023 | Verżjoni beta tal-pjattaforma edukattiva għandha tkun online, bis-servizzi u l-funzjonijiet kollha li ġew identifikati fid-deskrizzjoni funzjonali bħala prijorità għolja mill-(*BMBF*) (Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka). Dawn il-funzjonijiet jinkludu l-aċċess għall-informazzjoni, il-profil tal-utent, il-kollaborazzjoni, il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, iċ-chat-bot, il-flussi tax-xogħol, l-inbox. It-tnedija għandha tkun akkumpanjata minn verifiki addizzjonali tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data u testijiet tat-tagħbija b'suċċess. |
| 78 | 3.1.2 Pjattaforma tal-edukazzjoni | Stadju Importanti | Rapport ta' evalwazzjoni finali b'deċiżjoni dwar il-futur tal-pjattaforma edukattiva | Pubblikazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni finali fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger* ) | — | — | — | Q3 | 2024 | Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali tal-pjattaforma edukattiva ġie ppubblikat, b'valutazzjoni li tikkonferma li l-proġett kien ta' suċċess skont il-kriterji ta' monitoraġġ tal-proġett. Il-proġett għandu jkun ta' suċċess jekk it-tkomplija tal-pjattaforma edukattiva tkun rakkomandata jew jekk jiġi stabbilit li s-servizzi u l-funzjonijiet tal-prototipi għandhom jittieħdu u jitkomplew minn partijiet interessati |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | oħra fuq il-bażi tar-riżultati tal-proġett. |
| 79 | 3.1.3 Ċentru edukattiv ta' eċċellenza | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ tal-ewwel linji gwida dwar il-finanzjament u s-sejħa għall-offerti għal aġenzija li teżegwixxi l-proġetti għall-programm ġenerali | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel linji gwida dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) u l-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti fuq pjattaforma ta' premjazzjoni. | — | — | — | Q4 | 2021 | Taħt it-tmexxija tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (*BMBF*), l-ewwel linji gwida ta' finanzjament daħlu fis-seħħ u ġew ippubblikati. Intgħażlet aġenzija li teżegwixxi l-proġetti fuq il-bażi ta' applikazzjonijiet li waslu permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti fuq pjattaforma tal-għoti. |
| 80 | 3.1.3 Ċentru edukattiv ta' eċċellenza | Mira | Approvazzjoni ta' mill-inqas 45 proġetti ta' riċerka | — | Għadd ta' proġetti ta' riċerka approvati u li għadhom għaddejj | 0 | 45 | Q3 | 2022 | Mill-inqas 45 proġett ta' riċerka ġew approvati mill-aġenzija li teżegwixxi l-proġetti u jinsabu għaddejjin. Ir-riżultati ġew ippubblikati permezz tal-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) u s-sit web tal-*BMBF*. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | in | | | | | |
| 81 | 3.1.3 Ċentru edukattiv ta' eċċellenza | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ ta' tliet linji gwida ta' finanzjament addizzjonali | Pubblikazzjoni tal-linji gwida addizzjonali dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (*Bundesanzeiger*) | — | — | — | Q3 | 2022 | Taħt it-tmexxija tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (*BMBF*), tliet linji gwida ta' finanzjament addizzjonali, kull waħda minnhom b'orjentazzjoni tematika speċifika, daħlu fis-seħħ u ġew ippubblikati. |
| 82 | 3.1.3 Ċentru edukattiv ta' eċċellenza | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' riċerka | — | Għadd ta' proġetti ta' riċerka kkompletati | 0 | 45 | Q3 | 2026 | Ikunu tlestew mill-inqas 45 proġett ta' riċerka, kif muri minn rapport ta' evalwazzjoni finali li għandu jippreżenta r-riżultati tal-proġetti ta' riċerka appoġġati u juri l-valur miżjud għat-taħriġ tal-għalliema fit-tagħlim diġitali u appoġġat b'mod diġitali f'kull wieħed mil-Länder. Ir-riżultati ġew ippreżentati f'avveniment tal-għeluq u fuq is-sit web tal- *BMBF*. |
| 83 | 3.1.4 Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali | Stadju Importanti | Kuntratt tal-proġett iffirmat | Kuntratt tal-proġett iffirmat mal-fornitur tas-servizz tal-IT | — | — | — | Q1 | 2021 | Il-kuntratt tal-proġett għall-fażi inizjali għall-valutazzjoni tas-sistemi tal-IT tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali ġie ffirmat bejn l-Uffiċċju Federali tat-Tagħmir tal-(*Bundeswehr*), it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Appoġġ In-Servizz (BBAINBw), awtorità federali għolja ċivili li hija direttament subordinata għall-Ministeru Federali tad-Difiża (*BMVg*) |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | u l-fornitur tal-IT, li jistipula passi ewlenin fil-ħidma ta' valutazzjoni futura. |
| 84 | 3.1.4 Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali | Mira | Analiżi tal-istituzzjonijiet edukattivi u identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-IT tagħhom | — | Għadd ta' istituzzjonijiet edukattivi analizzati bis-sħiħ | 0 | 60 | Q1 | 2022 | Ġie adottat rapport ta' valutazzjoni mill-Ministeru Federali għad-Difiża (*BMVg*). Dan ir-rapport għandu juri li l-ambjenti u l-ħtiġijiet tal-IT tal-60 istituzzjoni edukattiva magħżula inizjalment ġew analizzati, u ġew identifikati l-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet ta' implimentazzjoni. |
| 85 | 3.1.4 Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali | Mira | Tlestija tal-modernizzazzjoni tas-60 istituzzjoni edukattiva | — | Għadd ta' istituzzjonijiet edukattivi li għalihom tlestiet il-modernizzazzjoni | 0 | 60 | Q1 | 2023 | Ġie adottat rapport ta' valutazzjoni finali mill-Ministeru Federali għad-Difiża (*BMV* g). Dan ir-rapport għandu jikkonferma li fuq il-bażi tar-riżultati tal-analiżi mwettqa fuq is-60 istituzzjoni, il-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa tlestew fiż-żmien u l-baġits disponibbli. Ir-riżultat tal-proċess, il-progress li diġà nkiseb fir-rigward tat-taħriġ u l-edukazzjoni għandu jintwera u t-triq' il quddiem għas-snin ta' wara għandha tiġi mmappjata. |

## G. KOMPONENT 4.1: IT-TISĦIĦ TAL-INKLUŻJONI SOĊJALI

Dan il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jimmobilizza r-riżorsi biex jittejbu l-aspetti differenti tal-inklużjoni soċjali: (i) l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa u l-ġenituri b'mod ġenerali, (ii) it-titjib tal-eżiti u l-ħiliet edukattivi għall-istudenti li għandhom sfondi ta' tagħlim, spiss minn sfondi żvantaġġati, (iii) is-salvagwardja tal-apprentistati, li b'hekk tappoġġja d-dħul fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, (iv) il-protezzjoni tal-paga "take-home" u l-impjiegi billi tiġi evitata żieda fil-porzjon tat-taxxa, u (iv) it-titjib tat-trasparenza fit-tliet pilastri kollha tas-sistema tal-pensjonijiet u b'hekk l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq l-edukazzjoni u fuq iċ-ċaqliq tat-taxxi minn fuq ix-xogħol (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019), dwar it-tnaqqis tad-diżinċentivi biex wieħed jaħdem aktar sigħat, dwar it-teħid ta' miżuri għas-salvagwardja tas-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet filwaqt li tinżamm l-adegwatezza tal-livell tal-pensjoni fl-istess ħin u dwar it-titjib tal-eżiti edukattivi u tal-livelli tal-ħiliet ta' gruppi żvantaġġati (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019) u dwar l-iffukar tal-investiment fuq l-edukazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 u 2 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

#### *4.1.1 Investiment: Programm ta' investiment "Ffinanzjar tat-tfal" 2020/21: fond speċjali "Espansjoni għall-kura ta' kuljum tat-tfal"*

L-għan tal-miżura huwa li tippromwovi l-ħolqien ta' faċilitajiet ġodda għall-indukrar tat-tfal u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet eżistenti, li għandhom joħolqu 90 000 post addizzjonali.

Għal dan il-għan, il-Gvern Federali jipprovdi għotjiet lil-Länder u lill-awtoritajiet lokali sabiex dawn jinvestu f'bini ġdid, estensjonijiet, konverżjonijiet, rinnovamenti, rinnovazzjonijiet u tagħmir.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

#### *4.1.2 Riforma: Garanzija Soċjali 2021*

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi evitat li l-impatt finanzjarju tal-COVID-19 jikkawża żidiet fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali estensivi, li jċaħħdu l-paga "take-home" u li jżidu l-ispejjeż tax-xogħol.

Għal dan il-għan, il-Gvern Federali għandu jipprovdi trasferimenti fiskali għall-fondi tas-sigurtà soċjali biex jimla l-vojt fil-finanzjament tagħhom, u b'hekk jevita li r-rata ta' kontribuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali taqbeż l-40 % fl-2021.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

***4.1.3 Investiment: Appoġġ għall-apprendistat***

L-għan tal-miżura huwa li tikkontrobatti t-tnaqqis relatat mal-COVID-19 fl-għadd ta' apprendistati.

Għal dan il-għan, il-gvern għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-SMEs li jieħdu apprendisti u li jżommu l-livell attwali ta' taħriġ tagħhom, joħolqu apprendistati addizzjonali, jevitaw xogħol b'ħinijiet iqsar (*Kurzarbeit*) għall-apprendisti, jew jieħdu apprendisti minn kumpaniji li jkunu saru insolventi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

***4.1.4 Riforma: Appoġġ edukattiv għall-istudenti b'xogħol b'lura fit-tagħlim***

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi evitat li jsir xogħol b'lura temporanju minħabba interruzzjoni relatata mal-COVID-19.

Għal dan il-għan, il-gvern federali għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lil-Länder sabiex dawn jipprovdu korsijiet addizzjonali u konsulenza lill-istudenti, b'enfasi fuq suġġetti ewlenin u kompetenzi ewlenin bħal-lingwa Ġermaniża, il-matematika u x-xjenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

***4.1.5 Riforma: Ħarsa Ġenerali lejn il-Pensjonijiet Diġitali***

L-għan ta' din il-miżura huwa li tinħoloq Ħarsa Ġenerali dwar il-Pensjonijiet Diġitali, portal li jipprovdi liċ-ċittadini informazzjoni dwar il-provvista tal-pensjoni individwali tagħhom mit-tliet pilastri tal-pensjoni (pensjonijiet statutorji, tal-kumpanija u privati).

Għal dan il-għan, il-Fond tal-Pensjoni Ġermaniż (*Deutsche Rentenversicherung Bund*) għandu jistabbilixxi portal ta' informazzjoni dwar il-pensjonijiet, li jinvolvi d-diversi partijiet interessati biex jiġi żgurat li jiġbor l-informazzjoni rilevanti dwar il-pensjonijiet, u, permezz tal-ittestjar u l-iżvilupp, jiżgura li l-portal ikun faċli għall-utent.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

**G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 86 | Programm ta' investiment 4.1.1 "Ffinanzjar tat-tfal" 2020/21: fond speċjali "Espansjoni għall-kura ta' kuljum tat-tfal" | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Kura tat-Tfal u l-Att Federali dwar l-Assistenza Finanzjarja u tar-regolamenti ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Länder | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Kura tat-Tfal u l-Att Federali dwar l-Assistenza Finanzjarja kif ukoll ir-regolamenti ta' implimentazzjoni speċifiċi għal-Länder | — | — | — | Q4 | 2020 | L-emendi għall-Att dwar il-Finanzjament tal-Kura tat-Tfal u l-Att Federali dwar l-Għajnuna Finanzjarja (KitaFinHG) għall-estensjoni tal-kura tat-tfal matul il-jum daħlu fis-seħħ. Il-Länder adottaw ir-regoli federali u għamluhom aktar speċifiċi fir-regolamenti tal-Länder tagħhom. |
| 87 | Programm ta' investiment 4.1.1 "Ffinanzjar tat-tfal" 2020/21: fond speċjali "Espansjoni għall-kura ta' kuljum tat-tfal" | Stadju Importanti | Pubblikazzjoni ta' rapport *interim* f'konformità mal-KitaFinHG | Pubblikazzjoni ta' rapporti *interim* li fihom evidenza numerika (finanzjament, numru ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal, numru ta' tagħmir issussidjat) skont id-dispożizzjonijiet legali u d- | — | — | — | Q4 | 2023 | Ġie ppubblikat rapport *interim* dwar postijiet għall-indukrar tat-tfal approvati u maħluqa u investimenti f'tagħmir (§ 30 (2) u (3) KitaFinHG). Il-Länder rilevanti rrappurtaw lill-Gvern Federali dwar l-istat tal-implimentazzjoni, inkluż dwar il-finanzjament, l-għadd ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal, l-għadd ta' tagħmir issussidjat, skont l-obbligi ta' monitoraġġ u gwida. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | diskussjonijiet ta' koordinazzjoni rilevanti bejn il-Gvern Federali u l-Länder. | | | | | | |
| 88 | Programm ta' investiment 4.1.1 "Ffinanzjar tat-tfal" 2020/21: fond speċjali "Espansjoni għall-kura ta' kuljum tat-tfal" | Mira | Tlestija tal-miżuri kollha | — | Postijiet addizzjonali għall-indukrar tat-tfal għat-tfal | 0 | 90 000 | Q4 | 2025 | Il-Länder ippreżentaw ir-rapport finali tagħhom dwar l-implimentazzjoni wara t-tlestija tal-kontrolli fuq l-użu tal-fondi. Ir-rapport jikkonferma li 90 000 post għall-indukrar tat-tfal li għadhom kif ġew iffinanzjati għat-tfal qabel id-dħul fl-iskola nħolqu f'faċilitajiet ta' kura tat-tfal matul il-jum (*Kindertageseinrichtungen*) u servizzi ta' kura tat-tfal matul il-jum (*Kindertagespflege*) fil-Ġermanja kollha. |
| 89 | 4.1.2 Garanzija Soċjali 2021 | Stadju Importanti | Verifika tar-rata medja tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għas-sena 2021 | Ir-rata totali tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali kkalkulata u hija stabbilita li ma qabżitx l-40 % | — | — | — | Q4 | 2021 | Ir-rata totali tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għandha tiġi kkalkulata għas-sena 2021 u huwa stabbilit li din ma żdiditx aktar minn 40 %. Ir-rata totali tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tar-rati ta' kontribuzzjoni għall-pensjonijiet, il-qgħad, il-kura fit-tul (jiġifieri mingħajr suppliment mingħajr tfal) u l-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa inkluża r-rata ta' kontribuzzjoni addizzjonali medja skont § 242a Kodiċi Soċjali V (SGB V). |
| 90 | 4.1.3 Appoġġ għall-apprendistat | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ tal-linji gwida riveduti dwar il-finanzjament għall-programm federali *Ausbildungsplätz* | Pubblikazzjoni tal-linji gwida riveduti dwar il-finanzjament | — | — | — | Q2 | 2021 | Il-linji gwida riveduti dwar il-finanzjament li jkopru l-programm federali kollu *Ausbildungsplätze sichern* ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali*(Bundesanzeiger)*, li jirriflettu d-deċiżjoni tal-kabinett meħuda fis-17 ta' Marzu 2021. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *e sichern* | | | | | | | |
| 91 | 4.1.3 Appoġġ għall-apprendistat | Mira | Ħruġ ta' appoġġ għall-programm federali *Ausbildungsplätze sichern* | — | EUR miljun | 0 | 652,5 | Q4 | 2022 | Mill-EUR 725 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 652 500 000 ġew żborżati taħt il-programm. |
| 92 | 4.1.3 Appoġġ għall-apprendistat | Mira | Deċiżjonijiet ta' għoti dwar applikazzjonijiet għall-programm federali *Ausbildungsplätze sichern* | — | Għadd ta' applikazzjonijiet eliġibbli li ngħataw finanzjament | 0 | 70 000 | Q4 | 2022 | Mill-inqas 70 000 applikazzjoni eliġibbli ngħataw finanzjament taħt il-programm. |
| 93 | 4.1.4 Appoġġ edukattiv għall-istudenti b'xogħol b'lura fit-tagħlim | Stadju Importanti | Ftehim bejn il-gvern federali u l-Länder biex jingħata appoġġ għat-tagħlim lill-istudenti b'xogħol b'lura ta' tagħlim pandemiku. | Laender u l-gvern federali jadottaw il-ftehim ta' finanzjament | — | — | — | Q2 | 2021 | Il-Gvern federali u Laender adottaw il-ftehim ta' finanzjament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-finanzjament tal-appoġġ għat-tagħlim. |
| 94 | 4.1.4 Appoġġ edukattiv għall-istudenti b'xogħol b'lura fit-tagħlim | Mira | 1 000 000 student irċevew appoġġ għat-tagħlim | — | Għadd ta' studenti li jirċievu appoġġ taħt il-programm | 0 | 1 000 000 | Q3 | 2022 | Mill-inqas 1 000 000 student irċevew appoġġ għat-tagħlim bħala parti mill-programm, kif muri mir-rapport ta' monitoraġġ. |
| 95 | 4.1.5 Ħarsa Ġenerali lejn il-Pensjonijiet Diġitali | Stadju Importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Ħarsa Ġenerali tal-Pensjonijiet | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-Ħarsa | — | — | — | Q1 | 2021 | Il-liġi dwar il-Ħarsa Ġenerali tal-Pensjonijiet Diġitali (RentÜG) ġiet ippubblikata fil-Gazzetta Federali *(Bundesanzeiger)* u daħlet fis-seħħ. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Diġitali | Ġenerali tal-Pensjonijiet Diġitali. | | | | | | |
| 96 | 4.1.5 Ħarsa Ġenerali lejn il-Pensjonijiet Diġitali | Stadju Importanti | Tlestija tal-iżvilupp u l-ewwel fażi operattiva. | Il-portal huwa disponibbli u ġie ttestjat fl-ewwel fażi operattiva. Ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-ewwel fażi operattiva ġie ppreżentat miz-ZfDR lill-kumitat ta' tmexxija għal aktar diskussjoni. | — | — | — | Q4 | 2023 | Il-korp ta' koordinazzjoni responsabbli għall-ħarsa ġenerali tal-pensjoni diġitali (ZfDR, *Zentrale Stelle für die Digitale Rentenübersicht*) ipprovda rapport ta' evalwazzjoni skont § 6 (3) RentÜG tal-ewwel fażi operattiva, li jivvaluta l-livell miksub ta' użu u implimentabbiltà għall-pensjoni. Ir-rapport għandu jidentifika b'mod ċar azzjonijiet possibbli għal titjib u funzjonalitajiet ġodda li għandhom jiġu diskussi aktar fil-kumitat ta' tmexxija. |
| 97 | 4.1.5 Ħarsa Ġenerali lejn il-Pensjonijiet Diġitali | Stadju Importanti | It-tlestija tal-implimentazzjoni tat-titjib dedott mill-esperjenza prattika matul l-ewwel fażi operattiva. | It-titjib u fejn xieraq ġew implimentati funzjonalitajiet ġodda wara r-rapport ta' evalwazzjoni u l-konsultazzjoni mal-kumitat ta' tmexxija. Il-ħarsa Ġenerali dwar il-Pensjonijiet Diġitali tkopri l-maġġoranza tal-intitolamenti tal-pensjoni eżistenti fir-rigward ta' dawk il-fornituri tal-pensjoni li ġeneralment huma obbligati li | — | — | — | Q1 | 2026 | Wara l-preżentazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti miri konkreti dwar il-frekwenza tal-użu u dwar il-kopertura tal-intitolamenti tal-pensjoni. Il-mira dwar il-frekwenza tal-użu u l-mira dwar il-kopertura tal-intitolamenti tal-pensjoni jew tintlaħaq sat-tielet trimestru tal-1 2026 jew tittieħed azzjoni ulterjuri biex tittejjeb l-aċċettazzjoni tal-utenti bħal pereżempju l-adozzjoni ta' regolament li jistabbilixxi d-data ta' referenza għall-obbligu għall-fornituri tal-pensjonijiet biex jipparteċipaw fil-Ħarsa Ġenerali tal-Pensjonijiet Diġitali, li tkopri l-fornituri tal-pensjonijiet li huma meħtieġa jipprovdu dikjarazzjonijiet tal-benefiċċji annwali lill-klijenti tagħhom. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | jipparteċipaw bil-liġi. | | | | | | |

## H. KOMPONENT 5.1: TISĦIĦ TA' SISTEMA TAL-KURA TAS-SAĦĦA REŻISTENTI GĦALL-PANDEMIJA

Dan il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jżid ir-reżiljenza tas-settur tal-kura tas-saħħa, inkluż għal xokkijiet ikkawżati minn pandemiji. L-objettivi speċifiċi tal-miżuri f'dan il-komponent huma d-diġitalizzazzjoni tal-uffiċċji tas-saħħa pubblika, li għandhom rwol importanti fil-ġestjoni tal-pandemiji fil-Ġermanja, id-diġitalizzazzjoni tal-isptarijiet biex tiżdied l-effiċjenza u r-reżiljenza tagħhom, u r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini kontra s-SARS-CoV-2.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex jiġu mobilizzati riżorsi adegwati u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tal-użu ta' servizzi tas-saħħa elettronika (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

#### *5.1.1 Ir-riforma: Tisħiħ tar-riżorsi diġitali u tekniċi tas-servizz tas-saħħa pubblika*

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġu mmodernizzati l-uffiċċji tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari billi jiżdied il-livell tad-diġitalizzazzjoni u l-interoperabbiltà tagħhom tas-sistemi tal-IT biex l-uffiċċji tas-saħħa pubblika jiġu konnessi ma' atturi oħra fis-sistema tal-kura tas-saħħa pubblika. Il-miżura tikkonsisti f'introduzzjoni nazzjonali ta' sistema tal-IT biex jiġu traċċati l-iżviluppi tal-pandemija, u jiżdied il-livell ġenerali ta' maturità diġitali fl-uffiċċji tas-saħħa pubblika matul is-snin li ġejjin.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

#### *5.1.2 Investiment: Programm għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur*

L-għan tal-miżura huwa li tippermetti lill-isptarijiet jinvestu fi żmien qasir fil-modernizzazzjoni tagħhom, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni. Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment ta' fond, li minnu l-isptarijiet jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju għal għadd ta' proġetti ta' modernizzazzjoni, pereżempju biex itejbu l-infrastruttura diġitali tagħhom, il-kapaċitajiet ta' emerġenza, it-telemediċina, ir-robotika, jew l-IT u ċ-ċibersigurtà.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

#### *5.1.3 investiment: Programm speċjali biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2*

L-għanijiet tal-miżura huma li tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp tat-tilqim kontra s-SARS-CoV-2 sabiex jitnaqqsu s-severità u t-tul tal-pandemija. L-investiment jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju lill-produtturi Ġermaniżi tat-tilqim biex iżidu l-iżvilupp u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom, u biex iżidu l-għadd ta' pazjenti għal fażijiet ta' prova klinika aktar tard. Dan għandu l-għan li jsaħħaħ is-settur farmaċewtiku/bijoteknoloġiku fil-Ġermanja fit-tul u jipprovdi bażi usa' u flessibbiltà biex iwieġeb għal pandemiji futuri.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

**H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/ Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 98 | Tisħiħ tar-riżorsi diġitali u tekniċi tas-servizz tas-saħħa pubblika | Mira | użu nazzjonali tas-Sistema Elettronika ta' Rappurtar u Informazzjoni Ġermaniża għall-Protezzjoni tal-Infezzjonijiet (*Deutsches Elektronisches Melde- und Informationssystem für den Infektionsschutz, DEMIS)* | — | Perċentwal ta' uffiċċji tas-saħħa pubblika li jużaw DEMIS | 0 | 100 | Q1 | 2021 | L-awtoritajiet kompetenti tal-Länder qed jużaw id-Domis biex jirreġistraw persuni fil-kuntest tas-SARS-CoV-2 u biex iwettqu r-rekwiżiti ta' rappurtar skont § 8 (1) (2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Infezzjonijiet[8]. |
| 99 | 5.1.1 Tisħiħ tar-riżorsi diġitali u tekniċi tas-servizz tas-saħħa pubblika | Mira | Il-progress tal-uffiċċji tas-saħħa pubblikalejn il-maturità diġitali | — | Perċentwali | 0 | 35 | Q1 | 2024 | Mill-inqas 35 % tal-uffiċċji tas-saħħa pubblika tejbu l-maturità diġitali tagħhom b'mill-inqas żewġ livelli sa tmiem ir-Q4 2023 f'mill-inqas żewġ kategoriji fis-sistema ta' maturità diġitali impjegata, meta mqabbla mal-livell ta' maturità diġitali tagħhom tal-2021. |
| 100 | 5.1.1 Tisħiħ tar-riżorsi | Mira | Il-progress tal-uffiċċji tas- | — | Perċentwali | 35 | 70 | Q3 | 2026 | Mill-inqas 70 % tal-uffiċċji tas-saħħa pubblika tejbu l-maturità diġitali |

[8] *Gesetz zur Verhütung und Bekämpfung von Infektionskrankheiten bei Menschen (Infektionsschutzgesetz – IfSG),* 20 ta' Lulju 2020 (BGBl. I p. 1045)

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | diġitali u tekniċi tas-servizz tas-saħħa pubblika | | saħħa pubblika lejn il-maturità diġitali | | | | | | | tagħhom b'mill-inqas żewġ livelli sat-Q3 2026 f'mill-inqas tliet kategoriji fis-sistema ta' maturità diġitali impjegata, meta mqabbla mal-livell ta' maturità diġitali tagħhom tal-2021. |
| 101 | 5.1.2 Programm għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur | Mira | Applikazzjonijiet ippreżentati lill-Uffiċċju Federali għas-Sigurtà Soċjali għal mill-inqas EUR 2 700 000 000 | — | Volum ta' finanzjament (f'miljuni ta' euro) għal applikazzjonijiet ippreżentati lill-Uffiċċju Federali għas-Sigurtà Soċjali | 0 | 2 700 | Q2 | 2022 | Mill-EUR 3 000 000 000 allokati għall-miżura, ġew ippreżentati applikazzjonijiet ta' mill-inqas EUR 2 700 000 000 f'volum lill-Uffiċċju Federali għas-Sigurtà Soċjali għal proġetti tal-isptarijiet taħt il-Programm lil sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet tal-31 ta' Diċembru 2021. Sal-31 ta' Marzu 2022, l-Uffiċċju Federali għas-Sigurtà Soċjali għandu jippubblika l-volum ta' finanzjament għall-applikazzjonijiet |
| 102 | 5.1.2 Programm għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur | Mira | Żieda fil-maturità diġitali ta' mill-inqas 35 % tal-isptarijiet | — | Perċentwal ta' sptarijiet b'maturità diġitali miżjuda | 0 | 35 | Q4 | 2023 | Mill-inqas 35 % tal-isptarijiet li l-applikazzjoni tagħhom għal finanzjament skont il-Programm għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur żiedu l-maturità diġitali tagħhom f'mill-inqas żewġ kategoriji relatati mal-Programm għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur b'mill-inqas żewġ livelli ta' maturità diġitali fis-sistema ta' maturità diġitali użata meta mqabbla mal-evalwazzjoni tat-30 ta' Ġunju 2021. |
| 103 | 5.1.2 programm | Mira | Implimentazzjoni ta' mill-inqas | — | Perċentwal ta' | 0 | 75 | Q3 | 2026 | Mill-inqas 75 % tal-proġetti ta' diġitalizzazzjoni li rċevew |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur | | 75 % tal-proġetti ta' diġitalizzazzjoni rilevanti | | proġetti ta' diġitalizzazzjoni kkompletati | | | | | finanzjament taħt il-Programm għal sptarijiet li jibqgħu validi fil-futur u li, jekk ma jiġux implimentati bis-sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2024, iwasslu għal tnaqqis finanzjarju stabbilit skont l-Att dwar il-Futur tal-Isptarijiet (*Krankenhauszukunftsgesetz*[9]), ġew implimentati bis-sħiħ sal-31 ta' Awwissu 2026. |
| 104 | Programm speċjali 5.1.3 biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2 | Stadju Importanti | Approvazzjoni tal-ewwel vaċċin kontra s-SARS-CoV-2 mill-awtorità regolatorja | Rakkomandazzjoni għall-awtorizzazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ta' vaċċin kontra s-SARS-CoV-2 żviluppat minn waħda mit-tliet kumpaniji appoġġati | — | — | — | Q4 | 2020 | Approvazzjoni rrakkomandata mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għal vaċċin kontra s-SARS-CoV-2 żviluppat minn waħda mit-tliet kumpaniji appoġġati permezz tal-miżura 5.1.3. |
| 105 | Programm speċjali 5.1.3 biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s- | Mira | Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' vaċċin kontra s-SARS-CoV-2 tiġi ppreżentata lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mit-tieni kandidat | Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tat-tilqim titressaq għand l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mit-tieni kumpanija tat-tliet kumpaniji | — | — | — | Q3 | 2021 | Approvazzjoni mitluba mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għal vaċċin kontra SARS-CoV-2 minn kumpanija oħra tat-tlieta appoġġata mill-miżura 5.1.3. |

[9] *Gesetz für ein Zukunftsprogramm Krankenhäuser (Krankenhauszukunftsgesetz – KHZG)*, 23 ta' Ottubru 2020 (BGBl. I p. 2208).

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | SARS-CoV-2 | | għall-vaċċin appoġġat | appoġġati | | | | | | |
| 106 | Programm speċjali 5.1.3 biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2 | Mira | Żborż ta' mill-inqas EUR 712 500 000 għar-riċerka dwar it-tilqim appoġġata minn dan il-programm speċjali | — | EUR miljun | 0 | 712,5 | Q3 | 2022 | Mill-EUR 750 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 712 500 000 (95 % tal-finanzjament totali) ġew żborżati lill-benefiċjarji għar-riċerka dwar it-tilqim. |
| 107 | 5.1.3 Programm speċjali biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2 | Stadju Importanti | Tmiem il-programm | Tlestija u awditjar konklużiv tar-rapporti ta' utilizzazzjoni u tar-rapporti finali kollha | — | — | — | Q4 | 2022 | Ir-rapporti finali kollha dwar l-utilizzazzjoni tal-fondi ġew ippreżentati u vverifikati. |

## I. KOMPONENT 6.1: AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA MODERNA

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi tal-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tal-Ġermanja. L-objettiv tal-komponent huwa li jmexxi' l quddiem id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika b'mod deċiżiv u li jnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji u ċ-ċittadini meta jinteraġixxu mal-gvern.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-titjib tas-servizzi pubbliċi diġitali fil-livelli kollha (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

#### *6.1.1 Ir-riforma: Ekosistema tal-identità Ewropea*

L-objettiv tal-miżura huwa li tinħoloq ekosistema diġitali, miftuħa u sigura li tistabbilixxi u tivverifika l-identitajiet u d-dokumenti personali online, mingħajr dipendenza fuq pjattaformi privati ewlenin. Dan jinkludi IDs personali u dokumenti bħal diplomi, filwaqt li s-sistema għandha tkun miftuħa wkoll għal tipi oħra ta' applikazzjonijiet kif ukoll il-verifika tal-identità ta' kumpaniji u apparati fl-*Internet tal-oġġetti*. L-ekosistema għandha tkun miftuħa għall-użu mill-amministrazzjonijiet u mis-settur privat fl-UE u lil hinn minnha.

Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp ta' komponenti u standards tekniċi, l-appoġġ għall-isforzi tal-interoperabbiltà għal inizjattivi oħra, il-forniment ta' ID sovrana u l-katalizzazzjoni tal-ekosistema billi jiġu żviluppati każijiet ta' użu inizjali. L-ewwel applikazzjonijiet li għandhom jiġu żviluppati huma ssussidjati u mmexxija mill-gvern, iżda hekk kif l-ekosistema timxi 'l quddiem, huwa mistenni li s-settur privat għandu jiżviluppa l-applikazzjonijiet b'mod indipendenti.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025. Huwa mistenni li l-ekosistema tkompli tiġi implimentata wara dan il-punt.

#### *6.1.2 Riforma: Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Onlajn*

L-għan tal-miżura huwa li s-servizzi pubbliċi jsiru disponibbli diġitalment sal-2022, f'konformità mal-Att dwar l-Aċċess Onlajn[10]. Minħabba s-sistema federali tal-Ġermanja, is-servizzi pubbliċi huma offruti kemm mil-livell federali kif ukoll mill-gvernijiet tal-Istat u l-awtoritajiet lokali, li jżid il-livell ta' koordinazzjoni meħtieġa b'mod sostanzjali.

Il-miżura tikkonsisti fid-diġitalizzazzjoni ta' 100 pakkett ta' servizzi li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' implimentazzjoni tal-istati federali (Länder), u 115-il raggruppament ta' servizzi fil-kompetenza tal-gvern federali.

[10] *Onlinezugangsgesetz*, 14 ta' Awwissu 2017 (BGBl. I p. 3122, 3138).

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

***6.1.3 Riforma: Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — modernizzazzjoni tar-reġistri***

L-għan tal-miżura huwa li tippermetti skambju sempliċi, sigur u diġitali ta' data maħżuna f'diversi reġistri Ġermaniżi. Dan għandu jippermetti liċ-ċittadini u lill-kumpaniji jippreżentaw id-*data* tagħhom darba biss, minflok ma jkollhom jippreżentaw l-istess *data* lil awtoritajiet differenti diversi drabi.

Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp tal-arkitettura teknika meħtieġa u l-konnessjoni ta' mill-inqas 18 mill-aktar reġistri importanti. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u jitmexxa l-proġett, għandha tiġi stabbilita awtorità ta' modernizzazzjoni tar-reġistru (*Registermodernisierungsbehörde*) .

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

**I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni/ Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 108 | 6.1.1 Ekosistema tal-identità Ewropea | Mira | Tnedija ta' proġett pilota wieħed għaċ-check-in f'lukanda diġitali | — | Numru ta' lukandi b'check-in diġitali | 0 | 100 | Q3 | 2021 | Beda jopera proġett pilota, li jippermetti lill-impjegati ta' erba' kumpaniji Ġermaniżi kbar li jagħmlu check-in b'mod diġitali għal tliet ktajjen ta' lukandi Ġermaniżi kbar, b'parteċipazzjoni ta' mill-inqas 100 lukanda. Il-proġett pilota jipprovdi l-ewwel komponenti tekniċi kif ukoll għarfien għall-iżvilupp ulterjuri tal-ekosistema. |
| 109 | 6.1.1 Ekosistema tal-identità Ewropea | Mira | It-tlestija ta' każijiet ta' applikazzjoni addizzjonali appoġġati mill-gvern flimkien maċ-check-in tal-bdoti f'lukanda. | — | Numru ta' każijiet ta' applikazzjoni | 1 | 5 | Q3 | 2022 | Wara l-ewwel każ ta' applikazzjoni pilota, l-implimentazzjoni ta' mill-inqas erba' każijiet ta' applikazzjoni addizzjonali (bħall-ftuħ ta' kontijiet bankarji online, il-ġestjoni tal-aċċess, il-konklużjoni online ta' kuntratti tat-telefown jew il-ftuħ ta' kontijiet tal-klijenti fil-kummerċ elettroniku) tlestiet, kull wieħed b'mill-inqas 10 000 utent. Il-każijiet ta' applikazzjoni ġew integrati f'sistemi eżistenti u, fejn meħtieġ, ġew implimentati interfaċċji ġodda. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 110 | 6.1.1 Ekosistema tal-identità Ewropea | Mira | Forniment ta' każijiet ta' applikazzjoni addizzjonali lil hinn mill-piloti bi ftit jew l-ebda appoġġ mill-gvern għall-implimentazzjoni tagħhom | — | Numru ta' każijiet ta' applikazzjoni | 5 | 10 | Q4 | 2024 | Is-sistema kompliet tiżdied permezz tal-implimentazzjoni ta' każijiet ta' applikazzjoni dejjem inqas appoġġati mill-gvern, u jeżistu mill-inqas 10 każijiet ta' applikazzjoni b'mill-inqas 10 000 utent kull wieħed. Mill-inqas żewġ inizjattivi jew soluzzjonijiet tal-identità deċentralizzati proprjetarji (bħall-prova tat-tilqim) huma interoperabbli mas-sistema. |
| 111 | 6.1.2 Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — Implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Onlajn (OZG) | Mira | Tlestija ta' ftehimiet individwali bejn id-dipartiment ewlieni u l-Istat federali ewlieni ( Bundesland ) | — | Għadd ta' ftehimiet individwali | 0 | 14 | Q3 | 2021 | Mill-inqas 14 ftehim individwali biex jiġi implimentat l-Att dwar l-Aċċess Onlajn ġew konklużi bejn id-dipartiment ewlieni u l-istat federali ewlieni, li fih huma definiti l-arranġamenti operattivi. L-implimentazzjoni għandha tkun skont il-prinċipju ta' "wieħed għal kulħadd ". Il-ftehimiet individwali jipprovdu l-bażi legali għall-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni bbażata fuq ix-xogħol. |
| 112 | 6.1.2 Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — Implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Onlajn (OZG) | Mira | Go-Lives ta' pakketti ta' servizzi ta' aċċess online (*Onlinezugangsgesetz-Leistungen*) | — | Għadd ta' servizzi online li sejrin f'xandira diretta | 0 | 70 | Q4 | 2021 | Mill-inqas 70 pakkett ta' servizzi pubbliċi huma diretti (disponibbli online għall-pubbliku ġenerali). |
| 113 | 6.1.2 Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — | Mira | Diġitalizzazzjoni mifruxa tas-servizzi amministrattivi federali bħala | — | L-għadd ta' servizzi online "one- | 0 | 215 | Q4 | 2022 | Mill-inqas 100 mis-servizzi amministrattivi l-aktar importanti tal-istati federali (Länder) huma implimentati madwar il-pajjiż kollu bħala servizz wieħed għal kulħadd, kif |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Onlajn (OZG) | | servizzi *one-for-all* | | for-all" li se jsiru f'xandira diretta | | | | | ukoll 115-il servizz addizzjonali tal-gvern federali. |
| 114 | 6.1.3 Id-diġitalizzazzjoni tal-Amministrazzjoni i-Modernizzazzjoni tar-reġistri | Stadju Importanti | Tlestija ta' proġetti pilota għall-ittestjar tar-reġistri pilota | Tmiem tad-dokument pilota u tad-dokument ta' valutazzjoni kkumpilat | — | — | — | Q4 | 2023 | Tlestija ta' proġett pilota biex jiġu ttestjati reġistri pilota, skont l-implimentazzjoni tal-Att dwar in-Numru ta' Identifikazzjoni (*Identifikationsnummerngesetz*[11]) u l-Att dwar il-Modernizzazzjoni tar-Reġistru (*Registermodernisierungsgesetz*[12]). |
| 115 | 6.1.3 diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — modernizzazzjoni tar-reġistri | Stadju Importanti | Tlestija tal-implimentazzjoni tal-arkitettura uniformi għall-avvanz tal-prinċipju ta' darba biss | Il-komponenti arkitettoniċi ċentrali huma lesti biex jiġu konnessi ma' reġistri proprjetarji | — | — | — | Q4 | 2023 | L-arkitettura teknika standardizzata hija lesta biex tkun konnessa ma' reġistri ta' prijorità għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss. Għandhom ikunu stabbiliti l-bażijiet legali għall-konnessjoni tar-reġistri ta' prijorità. Għandu jkun hemm fis-seħħ governanza (ġestjoni ta' diversi proġetti) biex tiġi kkontrollata l-konnessjoni bejn ir-reġistri. |
| 116 | 6.1.3 Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — modernizzazzjoni tar-reġistri | Mira | Konnessjoni prijoritarja tar-reġistri bbażati fuq l-utent mal-arkitettura fil-mira ta' darba biss | — | Għadd ta' reġistri ta' prijorità b'implimentazzjoni ta' darba biss | 0 | 18 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 18 mir-reġistri prijoritizzati huma konnessima' infrastruttura unika biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' darba biss. |

[11] *Identifikationsnummerngesetz*, 28 ta' Marzu 2021 (BGBl. I p. 591)
[12] *Registermodernisierungsgesetz*, 28 ta' Marzu 2021 (BGBl. I p. 591)

## J. KOMPONENT 6.2: TNAQQIS TAL-OSTAKLI GĦALL-INVESTIMENT

Dan il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-ostakli għall-investiment, li qed idgħajfu l-investiment pubbliku u privat fil-Ġermanja. It-tnaqqis tal-ostakli għall-investiment jippermetti l-infiq f'waqtu tal-fondi u jiffaċilita l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Barra minn hekk, iżżid ir-reżiljenza tal-Ġermanja għal xokkijiet ekonomiċi u tikkontribwixxi biex tistimula d-domanda domestika, bil-potenzjal li tnaqqas is-surplus fil-kont kurrenti, li ġie identifikat ripetutament bħala żbilanċ makroekonomiku għall-Ġermanja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar il-kisba ta' xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment privat u pubbliku, u biex jissaħħaħ l-investiment (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 u Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### <u>J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura</u>

#### *6.2.1 Ir-riforma: Programm konġunt tal-gvern federali u tal-Ländergħal amministrazzjoni effiċjenti li tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u n-negozji*

L-għanijiet tal-miżura huma li l-amministrazzjoni ssir aktar effiċjenti, orjentata lejn il-futur u li twassal għall-innovazzjoni. Hija għandha l-għan, fost affarijiet oħra, li taċċellera l-proċeduri ta' ppjanar u approvazzjoni, li tkompli tistandardizza r-rekwiżiti li jiffaċċjaw livelli aktar baxxi ta' gvern għat-talba ta' sussidji finanzjarji sabiex jiġi żgurat ħruġ aktar mgħaġġel ta' fondi, tiġi aċċellerata l-kostruzzjoni tad-djar, u jiżdied l-għadd ta' trasferimenti b'suċċess tas-sjieda tan-negozju lill-ġenerazzjoni li jmiss.

Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma magħmul mil-livell federali u l-*Länder,* li għandu jiżviluppa proposti biex tittejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika fi 11-il qasam (kif spjegat fid-dettall fl-istadji importanti) li għandhom jiġu implimentati sal-2025.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

#### *6.2.2 Riforma: Espansjoni tas-servizzi ta' konsulenza ta'* **PD — Berater der öffentlichen Hand GmbH fl-IBA**

L-għan tal-miżura huwa li żżid l-attività ta' investiment pubbliku, speċjalment fil-livell muniċipali, billi tippermetti lill-muniċipalitajiet u entitajiet pubbliċi oħra jintegraw aħjar il-programmi ta' finanzjament pubbliku fil-proġetti ta' investiment tagħhom, kif ukoll billi ttejjeb l-implimentazzjoni tal-investimenti tal-IT fl-iskejjel.

Il-miżura tikkonsisti f'żewġ submiżuri, li għandhom jiġu eżegwiti minn PD — Berater der öffentlichen Hand GmbH (PD), ditta ta' konsulenza tas-settur pubbliku li tappartjeni l-aktar mill-istat federali u mil-Länder. L-ewwel submiżura għandha l-għan li tappoġġa l-muniċipalitajiet u entitajiet pubbliċi oħra biex jinnavigaw ix-xenarju tal-programm ta'

